

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

12 ta' Lulju 2011 *

Fil-Kawża T-113/07,

Toshiba Corp., stabbilita f'Tokyo (il-Ġappun), inizjalment irrappreżentata minn J. MacLennan, solicitor, A. Schulz u J. Borum, avukati, sussegwentement minn J. MacLennan u A. Schulz,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentata minn F. Arbault u J. Samnadda, sussegwentement minn X. Lewis, sussegwentement minn J. Bourke u F. Ronkes Agerbeek, u fl-aħħar minn F. Ronkes Agerbeek u N. Khan, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett, prinċipalment, talba għall-annulament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81[KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear iżolat bil-gass), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, talba sabiex l-Artikoli 1 u 2 tal-imsemmija deċiżjoni jiġu emendati sabiex il-multi imposti fuq ir-rikorrenti jiġu annullati jew imnaqqsa,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn I. Pelikánová (Relatur), President tal-Awla, K. Jürimäe u S. Soldevila Fragoso, Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, Amministratur

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Diċembru 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1. Ir-rikorrenti

- 1 Ir-rikorrenti, Toshiba Corp., hija kumpannija Ġappuniża attiva f'diversi setturi, u b'mod partikolari fil-qasam tas-switchgear iżolat bil-gass (iktar 'il quddiem "SIG"). Bejn Ottubru 2002 u April 2005, l-attività tagħha fil-qasam ta' SIG kienet eżerċitata

minn kumpannija bi sħab, jiġifieri TM T & D Corp., li tagħha hija kienet proprjetarja, f'ishma indaqs, ma' Mitsubishi Electric Corp. u li għet xolta fl-2005.

2. Il-prodotti

- 2 Is-SIG jintuża sabiex jiġi kkontrollat il-fluss ta' enerġija fis-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku. Dan huwa tagħmir tqil tal-elettriku, li jintuża bħala komponent ewlieni għal substations għall-ġenerazzjoni tal-elettriku (turnkey). Is-SIG jinbigħu fid-dinja kollha bħala parti integrali minn substations tal-elettriku (turnkey) jew bħala partijiet individwali qabel ma jiġu integrati f'tali substations.

3. Il-proċedura amministrattiva

- 3 Fit-3 ta' Marzu 2004, ABB Ltd indikat lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej l-eżistenza ta' prattiki antikompetittivi fis-settur tas-SIG, fil-kuntest ta' talba orali għal immunità minn multi, skont l-Avviż tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Frar 2002, dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155, iktar 'il quddiem l-"avviż dwar il-kooperazzjoni").
- 4 It-talba għal immunità minn multi mressqa minn ABB għet ikkompletata permezz ta' osservazzjonijiet orali u provi dokumentarji. Fl-24 ta' April 2004, hija waslet għal deċiżjoni tal-Kummissjoni li tat immunità taħt kundizzjonijiet lil ABB.

- 5 Abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' ABB, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni u wettqet, fil-11 u fit-12 ta' Mejju 2004, spezzjonijiet fil-bini ta' diversi kumpanniji attivi fis-settur tas-SIG.
- 6 Fl-20 ta' April 2006, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li ġiet innotifikata lil 20 kumpannija fosthom, b'mod partikolari, lir-rikorrenti. Il-Kummissjoni pproċediet għas-smiġh tal-kumpanniji li lilhom intbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, fit-18 u fid-19 ta' Lulju 2006.

4. *Id-deċiżjoni kkontestata*

- 7 Fl-24 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2006) 6762 finali, dwar proċedura skon[t] l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear iżolat bil-gass) (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”)
- 8 Fil-premessi 113 sa 123 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li d-diversi impriżi li pparteċipaw fl-akkordju kienu kkoordinaw l-allokkazzjoni tal-proġetti ta' SIG fuq livell dinji, bl-eċċezzjoni ta' ċerti swieq, skont regoli miftiehma, bil-għan b'mod partikolari li jżommu kwoti li jirriflettu fil-parti l-kbira l-ishma tas-suq storiċi stmati tagħhom. Hija ppreċiżat li l-allokkazzjoni tal-proġetti ta' SIG twettqet abbażi ta' kwota konġunta “Ġappuniża” u ta' kwota konġunta “Ewropea” li kellhom imbagħad jinqas mill-bejniethom rispettivament mill-produtturi Ġappuniżi u mill-produtturi Ewropej. Ftehim iffirmat fi Vjenna fil-15 ta' April 1988 (iktar 'il quddiem il-“Ftehim GQ”) kien jistabbilixxi regoli li jippermettu l-allokkazzjoni tal-proġetti ta' SIG kemm lill-produtturi Ġappuniżi, kif ukoll lill-produtturi Ewropej, u li l-valur tagħhom jiġi imputat fuq il-kwota korrispondenti. Barra minn dan, fil-premessi 124 sa 132 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreċiżat li d-diversi impriżi li pparteċipaw fl-akkordju kienu kkonkludew arranġament mhux bil-miktub (iktar 'il quddiem

l-“arranġament komuni”), li bis-saħħa tiegħu l-proġetti ta’ SIG fil-Ġappun, minn naħa, u fil-pajjiżi tal-membri tal-akkordju Ewropej, min-naħa l-oħra, indikati konguntemment bħala l-“pajjiżi kostrutturi” tal-proġetti ta’ SIG, kienu rriżervati rispettivament għall-membri Ġappuniżi u għall-membri Ewropej tal-kartell. Il-proġetti ta’ SIG fil-“pajjiżi kostrutturi” ma kinux suġġetti għal skambji ta’ informazzjoni bejn iż-żewġ gruppi u ma kinux imputati fuq il-kwoti rispettivi.

- 9 Il-Ftehim GQ kien jinkludi wkoll regoli dwar l-iskambju tal-informazzjoni neċessarja għall-funzjonament tal-kartell bejn iż-żewġ gruppi ta’ produttori, li kien żgurat b’mod partikolari mis-segretarji tal-imsemmija gruppi, dwar il-manipulazzjoni tas-sejthiet għal offerti kkonċernati u dwar l-iffissar tal-prezzijiet għall-proġetti ta’ SIG li ma setgħux jiġu allokat. Skont it-termini tal-Anness 2 tiegħu, il-Ftehim GQ kien japplika għad-dinja kollha, bl-eċċezzjoni tal-Istati Uniti, tal-Kanada, tal-Ġappun u ta’ 17-il pajjiż tal-Ewropa tal-Punent. Barra minn dan, bis-saħħa tal-arranġament komuni, il-proġetti ta’ SIG fil-pajjiżi Ewropej minbarra l-“pajjiżi kostrutturi” kienu wkoll irriżervati għall-grupp Ewropew, peress li l-produttori Ġappuniżi kienu impenjaw irwieħhom li ma jressqux offerti għall-proġetti ta’ SIG fl-Ewropa.
- 10 Skont il-Kummissjoni, it-tqassim ta’ proġetti ta’ SIG bejn il-produttori Ewropej kien irregolat minn ftehim iffirmit ukoll fi Vjenna, fil-15 ta’ April 1988, u intitolat “E-Group Operation Agreement for GQ Agreement” (Ftehim tal-Grupp E għall-implementazzjoni tal-Ftehim GQ, iktar ’il quddiem il-“Ftehim EQ”). Hija indikat li l-allokazzjoni tal-proġetti ta’ SIG fl-Ewropa kienet issegwi l-istess regoli u proċeduri bħal dawk li jirregolaw l-allokazzjoni tal-proġetti ta’ SIG f’pajjiżi oħra. B’mod partikolari, il-proġetti ta’ SIG fl-Ewropa kellhom ukoll jiġu nnotifikati, elenkati, allokat, arranġati jew kellhom jingħataw limitu minimu ta’ prezz.
- 11 Abbażi tal-konstatazzjonijiet fattwali u tal-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi mwettqa fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li l-impriżi implikati kienu kisru l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea

(iktar 'il quddiem il-“Ftehim ŻEE”) u imponiet fuqhom multi li l-ammont tagħhom ġie kkalkolat b'applikazzjoni tal-metodoloġija espota fil-Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-“Linji gwida għall-kalkolu tal-multi”), kif ukoll fl-avviż dwar il-kooperazzjoni.

- 12 Fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fil-ksur matul il-perijodu mill-15 ta' April 1988 sal-11 ta' Mejju 2004.
- 13 Għall-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, ġiet imposta fuq ir-rikorrenti, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, multa li tammonta għal EUR 90 900 000, li minnhom EUR 4 650 000 jikkorrispondu għall-ksur imwettaq minn TM T & D u għandhom jitħallsu *in solidum* ma' Melco.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 14 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-Qorti Ġenerali) fit-18 ta' April 2007, ir-rikorrenti ressqu l-kawża preżenti. Ir-risposta u r-replika ġew ippreżentati rispettivament fis-27 ta' Awwissu u fit-22 ta' Ottubru 2007.
- 15 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti talbet li t-talbiet tagħha jiġu milqugħa fil-kontumaċja, abbażi tal-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Din it-talba ġiet miċħuda permezz tad-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali fil-11 ta' Diċembru 2007.

- 16 Il-proċedura bil-miktub ingħalqet permezz tal-preżentata tal-kontroreplika fis-17 ta' Diċembru 2007.
- 17 Fuq rapport tal-Imhalled Relatur, fit-22 ta' Settembru 2009, il-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali. Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, hija talbet lill-Kummissjoni sabiex tipproduċi ċerti dokumenti u talbet lill-partijiet biex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar ir-rilevanza ta' dawn l-istess dokumenti fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl. Il-Qorti Ġenerali għamlet ukoll żewġ mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissjoni, fejn stednitha tweġibha matul is-seduta.
- 18 Bi twegibagħall-istedina tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kkomunikat id-dokumenti kkonċernati fis-26 ta' Ottubru 2009. Ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar dawn id-dokumenti fit-19 ta' Novembru 2009. Il-Kummissjoni wieġbet għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fit-2 ta' Diċembru 2009.
- 19 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet bil-miktub u orali magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2009.
- 20 B'digriet tal-11 ta' Ġunju 2010, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li terġa' tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest ta' miżuri istruttorji previsti fl-Artikolu 65 tar-Regoli tal-Proċedura, ordnat lill-Kummissjoni tipproduċi ċerti dokumenti u ffsat il-mod ta' kif dawn setgħu jiġu kkonsultati mir-rikorrenti.

- 21 Il-Kummissjoni ssodisfat din il-miżura istruttorja fit-termini mogħtija.
- 22 Il-proċedura orali ngħalqet fit-28 ta' Lulju 2010.
- 23 Fir-rikors, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
 - sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonċernaha;
 - iktar sussidjarjament, temenda l-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex tannulla jew tnaqqas b'mod sostanzjali l-ammont tal-multa imposta fuqha;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti fir-rigward tal-garanzija bankarja.
- 24 Matul is-seduta, ir-rikorrenti rrinunċjat għall-ewwel kap tat-talbiet tagħha, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi.

25 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

26 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ma stabbilixxietx kif titlob il-liġi l-eżistenza tal-arranġament komuni. It-tieni huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwat. It-tielet huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew miksura. Ir-raba' huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta imponitilha multa.

27 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-motivi mqajjma mir-rikorrenti.

28 Qabelxejn għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma ppreċiżatx liema mill-motivi tagħha ġew invokati insostenn tad-diversi talbiet imressqa minnhom. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat, minn naħa, li l-ewwel, it-tieni u t-tielet motivi ġew invokati mir-rikorrenti insostenn tat-talba tagħha intiża għall-annullament tad-deċiżjoni kkonċernata sa fejn din tikkonċernaha. Fil-fatt, jekk jintlaqa' wieħed minn dawn

il-motivi, bħala prinċipju jkun hemm lok li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata kollha kemm hija sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, ir-raba' motiv jirrigwarda d-determinazzjoni tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti u hija, b'konsegwenza ta' dan, invokata minn din tal-aħħar insostenn tat-talba tagħha intiża għall-annullament jew għat-tnaqqis sostanzjali tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha.

1. Fuq it-talba intiża għall-annullament tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti

- ²⁹ Sa fejn l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, tagħmel l-eżami tal-mertu tal-imsemmija tad-deċiżjoni superfluwu, hemm lok li l-ewwel nett jiġi trattat it-tielet motiv. Sussegwentement għandhom jiġu eżaminati l-ewwel u t-tieni motivi.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

- ³⁰ Ir-rikorrenti tqis li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew miksur. Fil-kuntest tal-ewwel parti, hija tinvoka żball proċedurali fundamentali f'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-ksur fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-kuntest tat-tieni parti, hija tallega ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl. Fil-kuntest tat-tielet parti, hija ssostni li l-Kummissjoni żnaturat uħud mill-elementi ta' din tal-aħħar.

- ³¹ Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-ksur ma ġiex identifikat b'mod suffiċjenti fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata

— L-argumenti tal-partijiet

- 32 Skont ir-rikorrenti, fl-Artikolu 1 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni llimitat ruħha li tinvoka l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'numru ta' ftehim u ta' prattiki miftiehma mingħajr ma identifikat ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, u dan jikkostitwixxi żball proċedurali fundamentali.
- 33 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argument tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 34 Mill-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni kkonstatat li l-kumpanniji kkonċernati kienu pparteċipaw f'numru ta' ftehim u ta' prattiki miftiehma, li jmorru kontra l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, fis-settur tas-SIG u ppreċiżat il-perijodi kkonċernati. Għalhekk, id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata ma jispeċifikax f'hiex kienu jikkonsistu l-ftehim u l-prattiki allegati fil-konfront tar-rikorrenti.
- 35 Madankollu, għandu jifakkar li d-dispożittiv ta' deċiżjoni għandu jinftiehem fid-dawl tal-motivi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-20 ta' April 1999, Limbурge Vinyl Maatschappij *et vs* Il-Kummissjoni, imsemmija

“PVC II”, T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T 335/94, Ġabra p. II-931, punt 761). Fil-kawża preżenti, l-elementi tal-ksur issanzjonat huma miġbura fil-qosor b’mod partikolari fil-premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata u l-imsemmija elementi huma esposti fid-dettall fi premessi oħra tad-deċiżjoni kkontestata. F’dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, fid-dawl tal-motivi li fuqhom huwa bbażat, il-Kummissjoni identifikat, fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, il-ksur ikkonċernat b’mod suffiċjentement preċiż. Għaldaqstant il-parti preżenti għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq allegat ksur tad-dritt ta’ aċċess għall-fajl

— L-argumenti tal-partijiet

- ³⁶ Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma tathiex aċċess għall-elementi kollha inkriminanti u li jiskaġunaw.
- ³⁷ Fir-rigward tal-elementi inkriminanti, ir-rikorrenti ssostni li hija nġhatat biss aċċess parzjali għar-risposta ta’ Hitachi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u li hija ma kellhiex aċċess għad-dikjarazzjonijiet ta’ Fuji li allegatament jikkorroboraw id-dikjarazzjonijiet ta’ ABB, imsemmija fil-premessa 125 tad-deċiżjoni kkontestata. Hija tqis, konsegwentement, li hija ma setgħetx tesprimi ruħha u tinstema’ dwar dawn l-elementi, li għalhekk ma setgħux, skontha, jiġu invokati fid-deċiżjoni kkontestata.
- ³⁸ F’dak li jirrigwarda l-elementi li jiskaġunaw, ir-rikorrenti tippreċiża li, sa fejn hija ma nġhatatx aċċess sħiħ għall-fajl, hija ma kinitx f’pożizzjoni li tiddetermina jekk

elementi rilevanti supplementari kinux ġew prodotti minn partijiet oħra. Hija tqis, f'kull każ, li hija kellha tingħata aċċess għar-risposta supplementari ta' Hitachi Ltd għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li tikkontradixxi l-konklużjonijiet, fid-deċiżjoni kkontestata, ibbażati fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi dwar l-attribuzzjoni. Hija ssemmi wkoll id-dikjarazzjonijiet ta' impjegati ta' Melco u ta' Hitachi li jikkontradixxu l-eżistenza tal-arranġament komuni. Fl-aħħar nett, hija tirreferi għad-dikjarazzjonijiet ta' S. ippreżentati minn Areva, li mid-dehra jikkontradixxu t-teorija dwar it-tul tal-Ftehim ĠQ.

39 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

40 Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li l-persuna kkonċernata tkun tqiegħdet fil-pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li effettivament tgħarraf l-opinjoni tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll fuq id-dokumenti kkunsidrati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' ksur tat-trattat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 66).

41 Bħala korollarju tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, id-dritt ta' aċċess għall-fajl jimplika li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-possibbiltà li twettaq eżami tad-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni li jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża tagħha. Dawn jinkludu kemm il-provi li jinkriminaw kif ukoll dawk li jiskaġunaw, bla ħsara għas-sigrieti kummerċjali ta' impriżi oħra,

għad-dokumenti interni tal-Kummissjoni u għal informazzjoni kunfidenzjali oħra (sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 40 iktar 'il fuq, punt 68).

- 42 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li huwa biss fil-bidu tal-fażi amministrattiva kontradittorja li l-impriża kkonċernata hija informata, permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-elementi essenzjali kollha li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuqhom f'dan l-istadju tal-proċedura, u li din l-impriża għandha dritt ta' aċċess għall-fajl sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Konsegwentement, ir-risposta tal-impriżi l-oħra li pparteċipaw għall-akkordju għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma hijiex, bħala prinċipju, inkluża fid-dokumenti tal-fajl tal-investigazzjoni li jstgħu jiġu kkonsultati mill-partijiet (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2009, Hoechst vs Il-Kummissjoni, T-161/05, Ġabra p. II-3555, punt 163).
- 43 Madankollu, jekk il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tibbaża ruħha fuq silta minn risposta għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew fuq dokument anness ma' tali risposta sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur fi proċedura skont l-Artikolu 81(1) KE, l-impriżi l-oħra involuti f'din il-proċedura għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jippreżentaw l-argumenti tagħhom fuq tali prova. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-silta inkwistjoni ta' risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew għad-dokument anness ma' din ir-risposta fil-fatt tikkostitwixxi element inkriminanti kontra d-diversi impriżi li ħadu sehem fil-ksur (ara s-sentenza Hoechst vs Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 164, u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.
- 44 B'analoġija, jekk silta minn risposta għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew dokument anness ma' tali risposta jista' jkun rilevanti għad-difiża ta' impriża sa fejn dan jippermetti li din tal-aħħar tinvoka elementi li ma jaqblux mad-deduzzjonijiet magħmula f'dan l-istadju mill-Kummissjoni, din is-silta jew dan id-dokument jikkostitwixxu elementi li jiskaġunaw. F'dan il-każ, l-impriża kkonċernata għandha

titqiegħed f'pożizzjoni li teżamina s-silta jew id-dokument inkwistjoni u li tagħti l-opinjoni tagħha dwarhom.

- 45 Madankollu, is-sempliċi fatt li impriżi oħra invokaw l-istess argumenti bħal dawk tal-impriża kkonċernata u li dawn, jekk ikun il-każ, użaw iktar riżorsi għad-difiża tagħhom ma huwiex suffiċjenti sabiex dawn l-argumenti jiġu kkunsidrati bħala elementi li jiskaġunaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, Ġabra p. II-3435, punti 353 u 355).
- 46 Fir-rigward tal-konsegwenzi ta' aċċess għall-fajl li ma jirrispettax dawn ir-regoli, in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' dokument li fuqu bbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tinkrimina impriża jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża biss jekk l-impriża kkonċernata turi li r-riżultat li għalih waslet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha kien ikun differenti li kieku d-dokument mhux ikkomunikat kellu jitwarrab bħala prova inkriminanti (sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 40 iktar 'il fuq, punti 71 u 73).
- 47 Fir-rigward tan-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' dokument li jiskaġuna, l-impriża kkonċernata għandha biss tistabbilixxi li n-nuqqas ta' żvelar tiegħu seta' jinfluwenza, għad-dannu tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Huwa biżżejjed li l-impriża turi li hija setgħtet tuża l-imsemmi dokument li jiskaġuna għad-difiża tagħha, fis-sens li, kieku matul il-proċedura amministrattiva hija setgħet tinvoka tali dokument, hija kienet tkun tista' tinvoka provi li ma kinux jaqblu mal-konstatazzjonijiet magħmula f'dan l-istadju mill-Kummissjoni u għalhekk, b'xi mod, hija kienet tkun tista' tinfluwenza l-evalwazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar fid-deċiżjoni, għall-inqas f'dak li jikkonċerna l-gravità u d-dewmien tal-aġir li kienet akkużata bih, u, għalhekk, il-livell tal-multa (sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 40 iktar 'il fuq, punti 74 u 75).

- 48 Il-possibbiltà li dokument mhux żvelat seta' influwenza l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi stabbilita biss wara eżami provvizzorju ta' ċerti provi li juri li d-dokumenti mhux żvelati seta' kellhom — fil-konfront ta' dawn il-provi — importanza li ma kienx missha ġiet injorata (sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 40 iktar 'il fuq, punt 76).
- 49 Fil-kawża preżenti, għandhom qabelxejn jiġu miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti fir-rigward tal-fatt li hija ma kellhiex aċċess għall-fajl kollu tal-Kummissjoni. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 41 iktar 'il fuq jirriżulta li l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati minn proċedura amministrattiva ma timplikax li għandu jingħata aċċess totali għall-fajl.
- 50 F'dak li jirrigwarda l-elementi inkriminanti, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tippreċiżax liema elementi li ntużaw kontriha fid-deċiżjoni kkontestata kienu jinsabu fil-parti tar-risposta ta' Hitachi għall-komunikazzjoni tal-oġġezzjonijiet li hija ma kellhiex aċċess għaliha. Hija lanqas ma tispeċifika r-raġunijiet li għalihom il-fatt li hija kellha biss aċċess parzjali għall-imsemmi dokument ma ppermettilhiex li tesprimi ruħha fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi dwar l-attribuzzjoni, li kienet tikkostitwixxi l-element inkriminanti essenzjali ta' dan id-dokument. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-aċċess parzjali għar-risposta ta' Hitachi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għandu jiġi miċħud.
- 51 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tammetti li hija ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-osservazzjonijiet ta' Fuji li ma ġewx ikkomunikati lir-rikorrenti sabiex issostni l-ilmenti invokati fil-konfront ta' din tal-aħħar fid-deċiżjoni kkontestata, iżda tikkontesta li hija effettivament invokathom bħala elementi inkriminanti.

- 52 Madankollu, għandu jiġi osservat li, fil-premessi 125 u 255 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni semmiet l-osservazzjonijiet supplimentari ta' Fuji, b'mod partikolari dawk tal-21 ta' Novembru 2006, biex tikkorrobora l-eżistenza tal-arranġament komuni.
- 53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-riżultat tal-argumenti tar-rikorrenti jiddependi fuq ir-riżultat tal-eżami tal-ewwel motiv, dwar il-prova tal-eżistenza tal-arranġament komuni. Fil-fatt, jekk jiġi kkonstatat li l-eżistenza tal-imsemmi arranġament ġiet stabbilita kif titlob il-liġi anki wara li jitwarrbu l-osservazzjonijiet ikkonċernati ta' Fuji bħala elementi inkriminanti, ikun hemm lok li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jiġu miċħuda. Min-naħa l-oħra, jekk jiġi kkonstatat li l-imsemmija elementi jikkostitwixxu element neċessarju li jsostni l-konstatazzjonijiet imwettqa fid-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-eżistenza tal-arranġament komuni, ikun hemm lok li l-argument tar-rikorrenti jiġi milqugħ u, għaldaqstant, li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata sa fejn tikkonċernaha.
- 54 Fir-rigward tal-elementi li jiskaġunaw, il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kummissjoni tipproduċi d-dokumenti kollha li ġew identifikati mir-rikorrenti bi preċiżjoni minima. Peress li t-talba indirizzata lill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-indikazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrenti nnifisha, ma hemmx lok li tiġi milqugħa t-talba tagħha, imressqa fl-osservazzjonijiet tad-19 ta' Novembru 2009, intiża sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tikkomunikalha d-dokumenti kollha prodotti bħala risposta għal stedinet analogi magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-112/07, *Hitachi et vs Il-Kummissjoni*, u T-133/07, *Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni*.
- 55 F'dak li jirrigwarda d-diversi dokumenti prodotti mill-Kummissjoni fil-kawża preżenti, għandu l-ewwel nett jiġi osservat li, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, ir-risposta supplimentari ta' Hitachi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma tikkonfutax

il-kontenut fattwali tad-dikjarazzjonijiet ta' din tal-aħħar dwar il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni. Fl-imsemmija risposta supplimentari, Hitachi llimitat ruħha li tikkontesta l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni għamlet tal-imsemmija dikjarazzjonijiet, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-rilevanza tagħhom bħala prova tal-arranġament komuni u tal-eżistenza ta' ksur uniku li jinvolvi kemm dan l-arranġament kif ukoll il-Ftehim GQ. Issa, dan l-istess argument kien diġà ġie ppreżentat minn Hitachi fis-sunt tal-ewwel tweġiba tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li ntbagħat lir-rikorrenti mill-Kummissjoni. Konsegwentement, ir-risposta supplimentari ta' Hitachi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma tistax tiġi kkunsidrata bħala element li jiskaġuna li l-komunikazzjoni tiegħu setgħet tinfluwenza l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

56 Għandu jiġi osservat ukoll li r-rikorrenti ma hijiex iġġustifikata meta tilmenta, fl-osservazzjonijiet tagħha tad-19 ta' Novembru 2009, dwar il-fatt li, wara l-istedina magħmula mill-Qorti Ġenerali lill-Kummissjoni, hija kellha biss aċċess parzjali għar-risposta supplimentari ta' Hitachi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt, in-natura parzjali tal-aċċess għall-imsemmi dokument tirriżulta mill-fatt li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-rikorrenti identifikatu bħala li jikkostitwixxi element li jiskaġuna potenzjali, unikament f'dak li jikkonċerna l-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni.

57 It-tieni nett, għandu jiġi osservat li, fid-dikjarazzjonijiet bil-miktub ippreżentati f'Novembru 2006, l-impjegati ta' Melco u ta' Hitachi jikkontestaw l-eżistenza tal-arranġament komuni u tad-diskussjonijiet relatati miegħu u jsemmu l-eżistenza ta' barrieri "għoljin" għad-dħul fis-suq Ewropew. Barra minn hekk, wieħed mix-xhieda ta' Melco josserva li Fuji ma pparteċipatx għan-negozjati ta' qabel l-iffirmar tal-Ftehim GQ, filwaqt li l-fatt l-ieħor kien li, fl-opinjoni tiegħu, l-esklużjoni ta' ċerti pajjiżi Ewropej mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim GQ kien dovut għar-riskju ta' implementazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni. Min-naħa tagħhom, ix-xhieda ta' Hitachi taw dettalji dwar proposta ta' Alstom, magħmula f'Lulju 2002, dwar arranġament bejn il-produtturi Ewropej u dawk Ġappuniżi, u dwar iċ-ċaħda ta' din il-proposta min-naħa ta' Hitachi.

- 58 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, minn naħa, li t-testimonjanzi bil-miktub tal-impjegati ta' kumpannija, redatti taħt il-kontroll ta' din tal-aħħar u ppreżentati minnha għad-difiża tagħha fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mmexxija mill-Kummissjoni, bħala prinċipju, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala elementi differenti u indipendenti mid-dikjarazzjonijiet ta' din l-istess kumpannija. Fil-fatt, ġeneralment, il-pożizzjoni ta' kumpannija fir-rigward tar-realtà tal-fatti li qed tiġi akkużata bihom mill-Kummissjoni hija bbażata, l-ewwel nett, fuq dak li jkunu jafu u fuq l-opinjonijiet tal-impjegati u tad-diriġenti tagħha.
- 59 Min-naħa l-oħra, matul il-proċedura amministrattiva, ir-rikorrenti nnifisha kkontestat l-eżistenza tal-arranġament komuni u tad-diskussjonijiet relatati miegħu u invokat l-eżistenza ta' barrieri "għoljin" għad-dħul fis-suq Ewropew. Konsegwentement, il-fatt li impriżi oħra invokaw dawn l-argumenti ma jistax jiġi kkunsidrat bħala element li jiskaġuna.
- 60 Barra minn dan, id-dettalji tal-proposta ta' Alstom ippreżentata f'Lulju 2002 kienu ġew żvelati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet filwaqt li l-assenza ta' Fuji min-negożjati konnessi mal-Ftehim GQ tissemma fit-testimonjanza ta' M. li fir-rigward tagħha r-rikorrenti ma tikkontestax li ma nġhatatx aċċess. Għaldaqstant, dawn l-elementi ma jikkostitwixxux elementi li jiskaġunaw.
- 61 Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li l-argument dwar ir-raġuni li għaliha ċerti pajjiżi Ewropej kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim GQ tqajjem mir-rikorrenti, u lanqas ma jidher li din tal-aħħar kellha aċċess għal dokument li jirriproduċi dan l-argument. Għalhekk, is-silta kkonċernata tat-testimonjanza ta' wieħed mill-impjegati ta' Melco tista' tiġi kkunsidrata bħala element li jiskaġuna. Madankollu,

din hija dikjarazzjoni li tirriżulta minn impjegat ta' waħda mill-impriżi implikati, fejn dan l-impjegat jillimita ruħu li jikkontesta l-eżistenza tal-aġir li jikkostitwixxi ksur u li bl-ebda mod ma huwa sostnut b'fatti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġi kkunsidrat li l-komunikazzjoni ta' dan l-element seta' jkollha influwenza fuq l-iżvolġiment tal-proċedura u fuq il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

- 62 It-tielet nett, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti nnifisha tammetti, fl-osservazzjonijiet tagħha tad-19 ta' Novembru 2009, li d-dikjarazzjonijiet ta' S., ippreżentati minn Areva, kienu jikkonfermaw l-argumentazzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-allegata sospensjoni tal-implementazzjoni tal-Ftehim GQ bejn l-1999 u s-sena 2002. Bl-istess mod, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, l-allegazzjoni li tgħid li fl-2002 kien neċessarju li jsir kuntatt ma TM T & D sabiex jitkoplew l-attivitajiet tal-kartell ġiet esposta fin-nota ta' spjega ta' Areva, dwar il-funzjonament tal-akkordju, li għaliha r-rikorrenti kienet ingħatat aċċess.
- 63 L-uniku element li potenzjalment jista' jiskaġuna li jinsab fid-dikjarazzjonijiet ta' S. huwa l-allegazzjoni li tgħid li l-Ftehim GQ ma setax jiffunzjona fl-assenza ta' produttur prinċipali bħal Siemens. Madankollu, din l-allegazzjoni li toriġina minn impjegat ta' impriża li hija akkużata li pparteċipat fil-ksur ma hijiex sostnuta u hija kontradetta kemm mid-dikjarazzjonijiet ta' impriżi oħra implikati kif ukoll mill-elementi dokumentarji miġburin mill-Kummissjoni u ppreżentati fil-premessi 191 sa 198 tad-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni ta' dan l-element ma kienx ikun jista' jinfluwenza l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.
- 64 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-aċċess għall-elementi li jiskaġunaw għandhom jiġu miċħuda. Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 53 iktar 'il fuq, ir-riżultat ta' dan il-motiv jiddependi fuq ir-riżultat tal-eżami tal-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq allegazzjoni ta' żnaturament tal-elementi tal-fajl

— L-argumenti tal-partijiet

- ⁶⁵ Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żnaturat l-elementi tal-fajl u, għaldaqstant, kisret kemm id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti kif ukoll l-obbligu li titratta l-fajl b'imparzjalità u b'diliġenza.
- ⁶⁶ Skont ir-rikorrenti, l-ewwel nett, bil-kontra ta' dak li ngħad fil-premessa 255 tad-deċiżjoni kkontestata, l-impriża li tiffirma parti mill-grupp li jinkludi lil VA TECH Transmission & Distribution GmbH & Co. KEG (iktar 'il quddiem "VA TECH") ma baqgħetx siekta dwar l-eżistenza tal-arranġament komuni, iżda kkontestatha b'mod espliċitu matul is-seduta.
- ⁶⁷ It-tieni nett, ir-rikorrenti tikkontesta li, matul is-seduta, hija ma kinitx f'pożizzjoni li twieġeb għall-mistoqsijiet dwar il-proġetti attribwiti fil-kwota prevista mill-Ftehim GQ u dwar il-lista ta' proġetti allegatament notifikati, ipprovduta minn ABB. Hija tippreċiża, billi tibbaża ruħha fuq silta mill-proċess verbali tas-seduta, li r-risposta tagħha kienet li hija ma kinitx taf dwar l-attribuzzjoni.
- ⁶⁸ It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li, fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni żbaljatament iddikjarat li hija kienet ikkonfermat li l-akkordju GQ kien kompli wara l-24 ta' April 1999, filwaqt li hija kienet dejjem sostniet li l-akkordju fuq livell dinji kien intemm wara li Siemens u Hitachi kienu temmu l-parteciġazzjoni tagħhom.

- 69 Ir-raba' nett, bil-kontra ta' dak li ddikjarat il-Kummissjoni fil-premessa 306 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tallega li hija ma kkorroboratx id-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi dwar l-eżistenza tan-notifika u li hija kkontestat kemm in-notifika kif ukoll l-attribuzzjoni.
- 70 Il-ħames nett, ir-rikorrenti ssostni li, sa fejn hija ma kellhiex aċċess għad-dikjarazzjonijiet tal-partijiet l-oħra li fuqhom il-Kummissjoni bbażat il-konklużjonijiet tagħha, hija ma tistax teskludi li anki l-kontenut tal-imsemmija dikjarazzjonijiet ġie żnaturat fid-deċiżjoni kkontestata, ħaġa li hija barra minn hekk probabbli ħafna fid-dawl tal-ilmenti mqajjma iktar 'il fuq.
- 71 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 72 Minn naħa, għandu jiġi osservat li l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, li l-kontenut tiegħu tfakkar fil-punt 40 iktar 'il fuq, jista' jinkiser biss, minħabba żnaturament tal-fatti, meta dan l-iżnaturament affettwa l-possibbiltà li l-parti kkonċernata tifhem il-portata tal-oġġezzjonijiet invokati mill-Kummissjoni jew li tevalwa l-elementi invokati insostenn tagħhom.
- 73 Issa, fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti ma tispeċifikax kif u sa fejn l-allegati żnaturamenti tal-fatti mwettqa mill-Kummissjoni għamlu d-difiża tagħha iktar diffiċli.

- 74 Konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża għandu jiġi miċħud.
- 75 Min-naħa l-oħra, l-obbligu li l-fajl jiġi trattat b'imparzjalità u b'diliġenza, li jiffirma parti integrali mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, jinkiser kull darba li punt ta' fatt jiġi żnaturat. Madankollu, tali ksur jippermetti li jiġi konkluż li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali biss sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx tkun tista' tasal għall-istess konklużjonijiet li kieku hija interpretat b'mod korrett il-punti ta' fatt inkwistjoni.
- 76 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-interpretazzjoni tad-diversi punti ta' fatt li ġew allegatament żnaturati kif ukoll il-konsegwenzi tal-iżnaturamenti eventwalment ikkonstatati ser jiġu eżaminati fil-kuntest tal-motivi tar-rikorrenti li jqięghdu f'dubju l-punti ta' fatt ikkonċernati.
- 77 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, it-tielet parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx kif titlob il-liġi l-eżistenza tal-arrangement komuni

- 78 Skont il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni għandha tipproduċi l-prova tal-ksur li hija tkun ikkonstatat u għandha tistabbilixxi l-provi li jistgħu juru, kif titlob il-liġi, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2006, *Dresdner Bank et vs Il-Kummissjoni*, T-44/02 OP, T-54/02 OP, T-56/02 OP, T-60/02 OP u T-61/02 OP, Ġabra p. II-3567, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 79 F'dan il-kuntest, l-eżistenza ta' dubju f'moħħ il-qorti għandha tibbenefika lill-impriża destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur. Għaldaqstant, il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-Kummissjoni wriet l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni kif titlob il-liġi jekk jibqa' dubju f'moħħ il-qorti dwar din il-kwistjoni, b'mod partikolari fil-kuntest ta' rikors għall-annullament ta' deċiżjoni li timponi multa (sentenza *Dresdner Bank et vs Il-Kummissjoni*, punt 78 iktar 'il fuq, punt 60).
- 80 Fil-fatt, f'din l-aħħar sitwazzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li tagħmel parti mid-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju. Fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u tal-grad ta' severità tas-sanzjonijiet konnessi miegħu, il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza japplika b'mod partikolari għall-proċeduri relatati ma' ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi li jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' multi jew għal pagamenti ta' penalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza *Dresdner Bank et vs Il-Kummissjoni*, punt 78 iktar 'il fuq, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 81 Għaldaqstant, huwa neċessarju li l-Kummissjoni ssemmi provi preċiżi u li jaqblu sabiex tistabbilixxi l-eżistenza tal-ksur. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li kull prova prodotta mill-Kummissjoni ma għandhiex neċessarjament tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element tal-ksur. Huwa biżżejjed li s-serje ta' indizzji invokati mill-istituzzjoni, evalwati globalment, jissodisfaw dan ir-rekwiżit (ara s-sentenza *Dresdner Bank et vs Il-Kummissjoni*, punt 78 iktar 'il fuq, punti 62 u 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 82 Barra minn hekk, meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa magħruf li l-ftehim antikompetittivi huma pprojbati, ma jistax jiġi mistenni li l-Kummissjoni tipproduċi dokumenti li juru b'mod espliċitu li sar kuntatt bejn l-operaturi kkonċernati. L-elementi frammentarji u mhux relatati ma' xulxin li l-Kummissjoni jista' jkollha

għandhom, f'kull każ, ikunu jistgħu jiġu kkompletati minn deduzzjonijiet li jippermettu l-kostruzzjoni mill-ġdid ta' ċirkustanzi rilevanti. L-eżistenza ta' Prattika jew ta' ftehim antikompetittiv tista' għalhekk tiġi dedotta minn ċertu numru ta' koinċidenzi u ta' indizji li, meta kkunsidrati f'daqqa, jistgħu jikkostitwixxu, finnuqqas ta' spjegazzjoni oħra koerenti, il-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza Dresdner Bank *et vs* Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, punti 64 u 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

83 F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li ma hemmx iktar lok li jiġu applikati regoli iktar flessibbli fil-qasam tal-prova, marbutin mad-diffikultajiet li l-Kummissjoni tiltaqa' magħhom meta tipprova tipprova ksur. Skont ir-rikorrenti, l-ewwel nett, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) saħħaħ is-setgħat tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. It-tieni nett, fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni rċeviet numru importanti ta' provi bis-saħħa tal-programm ta' klemenza tagħha. It-tielet nett, minħabba l-użu tat-teknoloġiji moderni, jeżistu diversi kopji tad-dokumenti li jirrigwardaw il-membri tal-akkordju fuq diversi kompjuters. Skont ir-rikorrenti, id-dokumenti inkwistjoni jistgħu għalhekk jiġu mfittxija u identifikati b'iktar faċilità u l-kontenut tagħhom jista' jinkiseb lura anke wara li dawn ikunu ġew imħassra.

84 Madankollu, dawn l-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa. Fil-fatt, l-ewwel nett, għalkemm mill-premessa 25 tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta li l-għan tat-tisħiħ tas-setgħat tal-Kummissjoni huwa li jippermetti li jiġu identifikati, b'mod partikolari, ksur tal-Artikolu 81 KE, dan it-tisħiħ ma jiggarrantixxix, waħdu, li f'każ partikolari l-Kummissjoni tkun tista' effettivament tiġbor provi b'iktar faċilità. L-istess konstatazzjoni hija applikabbli, it-tieni nett, għall-programm ta' klemenza. Fil-fatt, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tinvakohom b'mod validu bħala provi ta' ksur, l-elementi li jiġu rċevuti mingħand l-impriżi kkonċernati għandhom, f'kull każ, jissodisfaw il-kriterji ġurisprudenzjali applikabbli. Għalhekk, fiha nnifisha, ma huwiex neċessarjament minnu li l-eżistenza ta' talbiet għal klemenza tissimplifika r-rwol tal-Kummissjoni. It-tielet nett, l-impatt tal-proliferazzjoni tal-fajls elettroniċi

huwa kkontroblanċjat mill-miżuri tekniċi adottati f'dan ir-rigward mill-membri tal-akkordju. Fil-kawża preżenti, mill-premessi 173 sa 175 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-partijiet qalbu d-dokumenti rilevanti f'forma encrypted bl-ġhajjnuna ta' programmi tal-kompjuter u li użaw kaxxi tal-posta elettronika anonimi sabiex iwettqu l-komunikazzjonijiet relatati mal-attività li tikkostitwixxi ksur. Minn naħa, ma huwiex stabbilit li r-rikorrenti sistematikament irrifjutat li timxi ma' dawn il-miżuri peress li mill-elementi tal-fajl ma jirriżultax li kien hemm oppożizzjoni fit-tul. Min-naħa l-oħra, minn dawn l-istess elementi jirriżulta li, għalkemm ir-rikorrenti ma kinitx tuża l-encryption u l-kaxxi tal-posta elettronika anonimi, il-komunikazzjoni magħha kienet issir bit-telefown u bil-faks, u mhux bil-posta elettronika jew permezz ta' forma oħra ta' skambju ta' fajls elettroniċi.

⁸⁵ Madankollu, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha biss fuq l-aġir tal-impriżi inkwistjoni fis-suq sabiex tikkonstata l-eżistenza ta' ksur, huwa biżżejjed li dawn tal-aħħar juru l-eżistenza ta' ċirkustanzi li jifgħu dawl differenti fuq il-fatti kif stabbiliti mill-Kummissjoni u li jippermettu għalhekk li tingħata spjegazzjoni plawsibbli tal-fatti differenti minn dik adottata mill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li jeżisti ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni Komunitarji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, *JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni*, T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, Ġabra p. II-2501, punt 186, u l-ġurisprudenza ċċitata).

⁸⁶ Kif tosserva r-rikorrenti, din ir-regola tapplika wkoll meta l-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni jkunu insuffiċjenti. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-imsemmija provi ma jippermettux li l-eżistenza tal-ksur tiġi stabbilita mingħajr ekwivoċi u mingħajr ma tkun meħtieġa interpretazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-12 ta' Settembru 2007, *Coats Holdings u Coats vs Il-Kummissjoni*, T-36/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 74).

- 87 Min-naħa l-oħra, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, l-imsemmija regola ma hijiex applikabbli għall-każijiet kollha fejn il-ksur jiġi stabbilit permezz ta' deduzzjoni bbażata fuq fatti oħra, permezz ta' provi indiretti jew mhux dokumentarji. Fil-fatt, fir-rigward tal-provi li jistgħu jiġu invokati biex jiġi stabbilit il-ksur tal-Artikolu 81 KE, il-prinċipju dominanti fid-dritt Komunitarju huwa dak tal-produzzjoni libera tal-provi (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-8 ta' Lulju 2004, *Dalmine vs Il-Kummissjoni*, T-50/00, *Ġabra p. II-2395*, punt 72). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
- 88 Konsegwentement, anki jekk jirriżulta li ċ-ċirkustanzi invokati mir-rikorrenti, jekk jitqiesu stabbiliti, jistgħu jkunu rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tas-serje ta' indizji invokati mill-Kummissjoni, madankollu, fihom innifishom dawn ma għandhomx bħala konsegwenza li l-impriża kkonċernata tkun tista' tqiegħed f'dubju l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni billi tippreżenta spjegazzjoni alternattiva tal-fatti.
- 89 Barra minn hekk, l-ebda dispożizzjoni u l-ebda prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju ma jipprojbixx lill-Kummissjoni milli tinqeda b'dikjarazzjonijiet ta' impriża oħra li huma akkużati li pparteċipaw fl-akkordju sabiex tużahom kontra impriża oħra. Kieku dan ma kienx il-każ, l-oneru tal-prova ta' aġir li jmur kontra l-Artikolu 81 KE, li jaqa' fuq il-Kummissjoni, ikun insostenibbli u inkompatibbli mal-missjoni tagħha ta' sorveljanza tal-applikazzjoni tajba ta' dawn id-dispożizzjonijiet (sentenza *JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni*, punt 85 iktar 'il fuq, punt 192). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
- 90 Madankollu, id-dikjarazzjoni ta' impriża akkużata li ħadet sehem f'akkordju, li l-eżattezza tagħha hija kkontestata minn diversi impriżi oħra kkonċernati, ma tistax titqies li tikkostitwixxi prova suffiċjenti tal-eżistenza ta' ksur imwettaq minn dawn tal-aħħar mingħajr ma tiġi sostnuta minn provi oħra billi l-grad ta' korroborazzjoni

meħtieġ jista' jkun inqas, minħabba l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet inkwistjoni (sentenza JFE Engineering *et vs* Il-Kummissjoni, punt 85 iktar 'il fuq, punti 219 u 220).

- 91 Fir-rigward tal-valur probatorju tad-diversi provi, l-uniku kriterju rilevanti għall-evalwazzjoni tal-provi prodotti jinsab fil-kredibbiltà tagħhom (sentenza Dalmine *vs* Il-Kummissjoni, punt 87 iktar 'il fuq, punt 72).
- 92 Skont ir-regoli ġenerali fil-qasam tal-provi, il-kredibbiltà u, b'hekk, il-valur probatorju ta' dokument jiddependu mill-oriġini tiegħu, miċ-ċirkustanzi li ġie redatt fihom, mid-destinatarju tiegħu u mill-kontenut tiegħu (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-15 ta' Marzu 2000, *Cimenteries CBR et vs* Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, Ġabra p. II-491, punti 1053 u 1838).
- 93 Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet, valur probatorju partikolarment għoli jista' barra minn hekk jiġi rikonoxxut lil dawk li, l-ewwel nett, huma affidabbli, it-tieni nett, li jsiru f'isem impriża, it-tielet nett, ikunu ġejjin minn persuna li hija marbuta bl-obbligu professjonali li taġixxi fl-interess ta' din l-impriża, ir-raba' nett, li jmorru kontra l-interessi tad-dikjarant, il-ħames nett, li ġejjin minn xhud dirett tal-fatti msemmija u, is-sitt nett, ġew ipprovduti bil-miktub, b'mod intenzjonali u wara riflessjoni fil-fond (ara, f'dan is-sens, is-sentenza JFE Engineering *et vs* Il-Kummissjoni, punt 85 iktar 'il fuq, punti 205 sa 210).
- 94 Barra minn hekk, għalkemm huwa ġeneralment aċċettabbli li xhieda mogħtija b'mod volontarju mill-parteċipanti prinċipali f'akkordju illegali tiġi ttrattata b'ċertu sospett, meta titqies il-possibbiltà, invokata mir-rikorrenti, li dawn il-parteċipanti jkollhom it-tendenza li jipproduċu l-iktar ammont possibbli ta' elementi inkriminanti fir-rigward tal-attività tal-kompetituri tagħhom, madankollu xorta jibqa' l-fatt li l-fatt li persuna titlob biex tibbenefika mill-applikazzjoni tal-avviż dwar il-kooperazzjoni bil-għan li tikseb immunità jew tnaqqis tal-multa mhux neċessarjament joħloq inċentiv biex jiġu prodotti provi distorti fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-membri l-oħra tal-akkordju. Fil-fatt, kull tentattiv biex il-Kummissjoni tiġi indotta tagħmel żball jista' jqajjem

dubji dwar is-sinċerità kif ukoll il-kompletezza tal-kooperazzjoni ta' min qed jagħmel it-talba u, għaldaqstant, jipperikola l-possibbiltà li dan jibbenefika b'mod sħiħ mill-avviż dwar il-kooperazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tas-16 ta' Novembru 2006, *Peróxidos Orgánicos vs Il-Kummissjoni*, T-120/04, *Ġabra* p. II-4441, punt 70).

⁹⁵ F'dan ir-rigward, għandu wkoll jiġi osservat li l-konsegwenzi potenzjali tal-komunikazzjoni ta' provi distorti huma iktar u iktar gravi peress li d-dikjarazzjoni kkontestata ta' impriża għandha tiġi kkorroborata, kif jirriżulta mill-punt 90 iktar 'il fuq. Fil-fatt, dan il-fatt iżid ir-riskju li dikjarazzjonijiet mhux eżatti jiġu identifikati kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-impriżi l-oħra implikati.

⁹⁶ Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli f'dan il-każ, qabelxejn, għandu jifakkar li, skont il-konstatazzjonijiet li saru fid-deċiżjoni kkontestata, l-arranġament komuni kien arranġament mhux miktub li kien jinkludi, l-ewwel nett, l-impenn min-naħa tal-impriżi Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, it-tieni nett, l-impenn tal-impriżi Ewropej li ma jippenetrawx is-suq Ġappuniż tal-proġetti ta' SIG u, it-tielet nett, l-impenn tal-impriżi Ewropej li jinnotifikaw lill-impriżi Ġappuniżi l-proġetti ta' SIG f'pajjiżi Ewropej oħra għajr il-pajjiżi kostrutturi u li jattribwixxu dawn l-istess proġetti fuq il-kwota konġunta "Ewropea" prevista mill-Ftehim GQ. Skont il-Kummissjoni, l-għan tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni kien li joffri kumpens lill-impriżi Ġappuniżi, ipperċepiti bħala kompetituri potenzjali fis-suq taż-ŻEE mill-impriżi Ewropej.

⁹⁷ Fost id-diversi komponenti tal-arranġament komuni elenkati fil-punt 96 iktar 'il fuq, huwa l-allegat impenn tal-impriżi Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE li jikkostitwixxi l-bażi tal-ilment li l-Kummissjoni kkontestat lir-rikorrenti.

Konsegwentment, hija l-eżistenza ta' dan l-impenn li għandha tiġi stabbilita kif titlob il-liġi. Madankollu, il-komponenti l-oħra tal-arranġament komuni, jekk jiġu pprovati, jistgħu jirriżultaw rilevanti bħala provi indiretti li jippermettu li tiġi dedotta l-eżistenza tal-impenn korrispondenti tal-impriżi Ġappuniżi

- 98 Ir-rikorrenti tikkontesta l-eżistenza tal-arranġament komuni u l-parteciġazzjoni tagħha għalih. Hija tikkritika l-valur probatorju tad-diversi elementi esposti mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u ssemmi elementi oħra li, fl-opinjoni tagħha, jissuġġerixxu li l-imsemmi arranġament ma eżistix. Konsegwentement ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni kellha taċċetta l-ispejgazzjoni alternattiva tal-assenza tal-produtturi Ġappuniżi mis-suq tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, marbut mal-eżistenza ta' barrieri legali, tekniċi u kummerċjali għad-dħul f'dan l-istess suq. Għalhekk, billi adottat, f'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni invertiet l-oneru tal-prova, kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u marret lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali tagħha.
- 99 Il-Kummissjoni ssostni li l-eżistenza tal-arranġament komuni u, b'mod partikolari, l-impenn tal-impriżi Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE, għet stabbilita kif titlob il-liġi permezz ta' diversi provi li jinkludu provi dokumentarji, dikjarazzjonijiet mill-impriżi, testimonjanzi kif ukoll elementi relatati mal-funzjonament effettiv tal-akkordju.
- 100 Għaldaqstant, għandhom jiġu evalwati l-affidabbiltà u l-kontenut tad-diversi elementi inkwistjoni sabiex jiġi ivverifikat jekk, ikkunsidrati b'mod globali, l-elementi invokati mill-Kummissjoni jsostnux konvinzjoni soda, fir-rigward tal-eżistenza tal-arranġament komuni, li ma huwiex probabbli li titqiegħed f'dubju mill-elementi prodotti mir-rikorrenti.

- 101 L-ilmenti tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u marret lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali tagħha, min-naħa tagħhom, huma bbażati fuq l-argument li jgħid li l-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova tal-eżistenza tal-arranġament komuni u tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti għalih. Konsegwentement, jekk l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-prova tal-eżistenza tal-ksur u tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti għalih ma jintlaqgħux, dan ikun neċessarjament jimplika li anki l-ilmenti bbażati fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u li l-Kummissjoni marret lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali tagħha għandhom jiġu miċħuda. Min-naħa l-oħra, jekk jiġi deċiż li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-allegat ksur ma ġietx ipprovata fid-deċiżjoni kkontestata, din il-konstatazzjoni tiġġustifika, waħedha, l-annullament ta' din id-deċiżjoni sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti.

Fuq l-elementi prodotti minn ABB

— L-argumenti tal-partijiet

- 102 Ir-rikorrenti tikkontesta li d-diversi elementi ppreżentati minn ABB jikkostitwixxu prova tal-arranġament komuni.
- 103 Preliminarjament, ir-rikorrenti ssostni li, b'mod ġenerali, l-elementi ppreżentati minn ABB għandhom valur probatorju dgħajjef minħabba l-fatt li ABB kienet tibbenefika minn immunità taħt kundizzjonijiet. Skontha, id-dikjarazzjonijiet ta' ABB ma jikkontribwixxux iktar għall-inkriminazzjoni tagħha stess. Min-naħa l-oħra, ABB setgħet kienet vivament imħeġġa tirrispondi għad-domandi tal-Kummissjoni b'tali mod li tikkonferma l-eżistenza tal-akkordju, peress li dejjem kien għad hemm

ir-riskju li tiflew il-benefiċċju tal-immunità fil-każ fejn il-kooperazzjoni tagħha titqies insuffiċjenti. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi adottat approċċ kritiku fir-rigward tal-provi li joriġinaw minn ABB.

- 104 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkontesta l-valur probatorju ta' kull wieħed mill-elementi prodotti minn ABB ikkunsidrati separatament. L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li d-dikjarazzjoni ta' ABB tal-11 ta' Marzu 2004, li tikkonferma l-eżistenza tal-arranġament komuni, hija ambigwa peress li ABB tammetti wkoll li ma kien jeżisti ebda ftehim espliċitu u li l-arranġament komuni kien ibbażat fuq il-kuntest fattwali, jiġifieri fuq il-fatt li l-impriżi Ġappuniżi kienu aċċettati biss b'mod limitat mill-klijenti Ewropej u li dawn kienu jkunu kkonfrontati minn ċerti diffikultajiet tekniċi u legali li kieku huma riedu jippenetraw is-suq Ewropew. Bl-istess mod, skont ABB, il-produtturi Ġappuniżi kienu jipparteċipaw fl-akkordju biss sa fejn dan l-akkordju kien jikkonċerna territorji barra miż-ŻEE.
- 105 It-tieni nett, ir-rikorrenti tistaqsi dwar it-testimonjanza mogħtija minn M., ex impjegat ta' ABB, matul il-laqqgħa li nżammet fit-23 ta' Settembru 2005. Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li r-rieda ta' ABB li ssostni t-teorija tal-Kummissjoni ħarġet fil-bereħ permezz tal-isforzi tal-konsulent estern tagħha biex jiddirieġi d-dikjarazzjonijiet ta' M. b'tali mod li dan tal-aħħar jammetti li l-penetrazzjoni tas-suq Ewropew mill-produtturi Ġappuniżi seta' jsir profittabbli wara ċertu żmien.
- 106 Ir-rikorrenti żżid tgħid li M. ma kienx għadu impjegat ma' ABB meta seħħet il-laqqgħa, u dan jimplika li huwa ma kienx għadu obligat li jaġixxi fl-interess ta' din tal-aħħar. Bl-istess mod, il-fatt li M. reġa' lura mid-dikjarazzjonijiet tiegħu huwa xhieda tal-pressjoni eżerċitata fuqu, iktar milli r-rieda tiegħu li jipprovi informazzjoni preċiża.
- 107 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li d-dikjarazzjonijiet ta' M. dwar l-eżistenza tal-arranġament komuni huma "provi fuq kliem ħaddieħor" li ma humiex konvinċenti wisq. Skontha,

M. iddikjara li huwa ma kienx preżenti meta ġie konkluż l-arranġament komuni u li dan tal-aħħar ma kienx issemma fil-laqgħat li huwa kien ipparteċipa għalihom. Għaldaqstant, dawn id-dikjarazzjonijiet huma bbażati fuq l-opinjoni personali ta' M. fir-rigward tal-eżistenza ta' akkordju. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tosserva li jekk jiġi kkunsidrat li l-arranġament komuni effettivament eżista, ikun leġittimu li wieħed jistenna li, fid-dawl tal-allegata importanza tiegħu, l-impriżi li ressq u talba għal klemenza jipproduċu provi li kienu jeżistu meta seħħew il-fatti inkwistjoni.

108 Fir-rigward tal-kontenut tad-dikjarazzjonijiet ta' M., ir-rikorrenti ssostni li, għalkemm dan tal-aħħar iddikjara li l-konklużjoni ta' ftehim dwar swieq barranin kien jippresupponi l-eżistenza ta' ftehim li jinvolvi lill-pajjiżi kostrutturi tad-diversi parteċipanti, madankollu huwa spjega li, għalkemm kien eventwalment possibbli li l-produtturi Ġappuniżi jippenetraw is-suq Ewropew, madankollu tali sforz ma kienx ikun profittabbli. Sussegwentement, fl-4 ta' Ottubru 2005, il-konsulent estern ta' ABB ippreżenta dikjarazzjoni ġdida, li kienet tikkjarifika d-dikjarazzjonijiet preċedenti ta' M. u li kienet tikkonstata b'mod formali l-eżistenza tal-arranġament komuni. Skont ir-rikorrenti, dawn iż-żewġ elementi huma kontradittorji u għalhekk ma jistgħux jiġu invokati.

109 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li d-dikjarazzjonijiet ta' W. u ta' P., impjegati ta' ABB, huma "spekulazzjonijiet vagi", ibbażati fuq opinjonijiet personali mhux sostnuti. Għalhekk, meta W. ġie mistoqsi dwar il-motivi tar-rifjut min-naħa tal-produtturi Ġappuniżi li jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti għal SIG fl-Ewropa, huwa ma għamel ebda riferiment għall-arranġament komuni. F'dikjarazzjonijiet preċedenti, huwa kien spjega, min-naħa l-oħra, li l-eżistenza ta' barrieri "għoljin" kienu jagħmlu l-penetrazzjoni fis-suq Ewropew diffiċli.

110 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 111 L-ewwel nett, mill-punti 94 u 95 iktar 'il fuq jirriżulta li ma hemmx lok li elementi prodotti minn impriża li talbet li tibbenefika minn immunità minn multi jiġu awtomatikament ittrattati b'kawtela. F'dak li jirrigwarda l-każ partikolari tat-testimonjanzi, huwa ċertament possibbli li l-impjegati ta' tali impriża, li huma obbligati jaġixxu fl-interess tagħha, jikkondividu l-intenzjoni li jipproduċu l-iktar elementi inkriminanti possibbli, anki peress li l-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-proċedura tista' tinfluwenza b'mod pożittiv il-ġejjieni professjonali tagħhom. Madankollu, jekk dan huwa l-każ, l-impjegati inkwistjoni jafu wkoll bil-konsegwenzi negattivi potenzjali jekk jipproduċu elementi ineżatti, li jsiru iktar sinjifikattivi minħabba r-rekwiżit tal-korroborazzjoni.
- 112 Fir-rigward ta' M., ir-rikorrenti ġustament issostni li ex impjegat, bħala prinċipju, ma huwiex iktar obligat li jaġixxi fl-interess tal-kumpannija li kienet tħaddmu qabel fir-rigward tal-kooperazzjoni volontarja fi proċedura amministrattiva. Madankollu, dan il-fatt jimplika wkoll li, bħala prinċipju, ma għandux interess li jirreferi għal elementi ineżatti f'dan il-kuntest. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, meta ta t-testimonjanza tiegħu, M. kien diġà rtirat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma jidhirx li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tiegħu fil-proċedura amministrattiva seta' jkollu konsegwenzi sfavorevoli għalih.
- 113 Barra minn hekk, ma jistax jiġi kkunsidrat li ma kienx probabbli li l-elementi prodotti minn ABB jipproduċu effetti dannużi għaliha. Fil-fatt, sa fejn l-imsemmija elementi ġew prodotti qabel ma ntbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, la ABB, la l-impjegati tagħha u lanqas l-ex impjegat tagħha ma setgħu jkunu ċerti mill-portata u mill-kontenut eżatt tal-ilmenti li kienu se jiġu kkontestati lil ABB.

- 114 Fir-rigward tad-diversi elementi invokati mir-rikorrenti, l-ewwel nett, fl-osservazzjonijiet tagħha tal-11 ta' Marzu 2004, jiġifieri qabel ma ngħatat l-immunità taħt kundizzjonijiet, ABB semmiet b'mod espliċitu l-eżistenza ta' arranġament komuni li abbażi tiegħu l-kumpanniji Ġappuniżi ma kellhomx iressqu offerti għall-proġetti Ewropej u l-kumpanniji Ewropej ma kellhomx iressqu offerti għall-proġetti Ġappuniżi.
- 115 Ċertament ABB iddikjarat li l-arranġament komuni kien ibbażat fuq il-fatt li l-produtturi Ġappuniżi ma kinux aċċettati mill-klijenti Ewropej u kellhom jiffaċċjaw ċerti ostakoli fis-suq Ewropew. Madankollu, mill-osservazzjonijiet tagħha tal-11 ta' Marzu 2004 jirriżulta b'mod ċar li, fil-fehma tagħha, l-impriżi Ġappuniżi implikati ma llimitawx irwieħhom sabiex jikkonstataw l-eżistenza ta' dawn l-ostakoli, imma impenjaw irwieħhom, fil-konfront tal-imsieħba Ewropej tagħhom, li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE. B'hekk il-barrieri għad-dħul fl-imsemmi suq jikkostitwixxu fattur li wassal għall-konklużjoni tal-imsemmi arranġament. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li tali konstatazzjoni ma hijiex paradossali, peress li huwa naturali li produttur, fil-kuntest ta' tqassim tas-swieq bħal dak allegat mill-Kummissjoni f'dan il-każ, jabbanduna f'idejn il-kompetituri tiegħu s-swieq fejn il-pożizzjoni tiegħu tkun dgħajfa.
- 116 Barra minn hekk, huwa minnu li ABB iddikjarat li ma kien jeżisti ebda ftehim espliċitu mal-produtturi Ġappuniżi fir-rigward tal-manipulazzjoni tas-sejħiet għall-offerti, fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet u fir-rigward tat-tqassim tal-proġetti fiż-ŻEE. Madankollu, moqrija fil-kuntest tagħha, din id-deċiżjoni tirreferi għat-tqassim tas-swieq nazzjonali bejn il-produtturi Ewropej jew għat-tqassim ta' proġetti ta' SIG fiż-ŻEE. Għalhekk, din ma tikkontradixxix l-eżistenza tal-impenn ġenerali tal-impriżi Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE, li ġie evidenzjat b'mod ċar minn ABB. Barra minn hekk, ma għandu jiġi kkonstatat ebda nuqqas ta' koerenza fid-dikjarazzjonijiet ta' ABB. Fil-fatt, sa fejn, skont ABB, l-impriżi Ġappuniżi kienu impenjaw ruħhom li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE, ma kienux ikun utli għalihom li jikkonkludu ftehim dettaljati mal-produtturi Ewropej f'dak li jikkonċerna t-tqassim tal-proġetti ta' SIG f'dan l-istess suq.

- 117 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li d-dikjarazzjonijiet ta' ABB tal-11 ta' Marzu 2004 ma humiex ambigwi u li dawn jikkostitwixxu indikazzjonijiet tal-eżistenza tal-arranġament komuni.
- 118 It-tieni nett, għandu jiġi ammess li l-konsulent estern ta' ABB intervjena f'mument preċiż tal-intervista ta' M. sabiex jissuġġerixxi lil dan tal-aħħar li seta' jkun profittabbli għall-produtturi Ġappuniżi li jippenetraw is-suq Ewropew, għalkemm M. ma deherx wisq konvint b'dan. Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li M. kellu xi dubji dwar l-interess kummerċjali ta' approċċ bħal dan u dan il-fatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi evalwat il-kontenut tat-testimonjanza tiegħu. Madankollu, ir-rikorrenti ma jispjegawx sa fejn dan l-intervent tal-konsulent estern ta' ABB jaffettwa l-kredibbiltà tat-testimonjanza ta' M. f'aspetti oħra.
- 119 Barra minn dan, ir-rikorrenti għustament issostni li t-testimonjanza ta' M. ma jidhirx li kienet ir-riżultat ta' riflessjoni fil-fond u li din lanqas ma għiet riveduta wara riflessjoni u verifiki supplimentari. Fil-fatt, it-testimonjanza nġhatat oralment u la fadal traċċa tal-mistoqsijiet bil-miktub li l-Kummissjoni għamlet qabel lil M. u lanqas tal-fatt li d-dikjarazzjonijiet dwar l-arranġament komuni u dwar il-barrieri għad-dħul fis-suq taż-ŻEE ġew ivverifikati u riveduti sussegwentement minn dan tal-aħħar.
- 120 Madankollu, ir-rikorrenti ma tipproduċix elementi li jagħtu 'l wieħed x'jifhem li l-eventwali reviżjonijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' M. kienu mmotivati minn xi pressjoni li huwa seta' ġie suġġett għaliha.
- 121 L-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li t-testimonjanza ta' M. hija biss "prova fuq kliem ħaddieħor" għandha, min-naħa tagħha, tiġi miċħuda. Fil-fatt, M. kien wieħed mir-rappreżentanti ta' ABB fi ħdan l-akkordju bejn l-1988 u l-2002, jiġifieri kważi għall-perijodu kollu kemm dam jiffunzjona l-akkordju, filwaqt li ABB kienet hija stess waħda mill-atturi prinċipali. B'hekk, M. kien xhud dirett u privileġġjat taċ-ċirkustanzi li spjega.

122 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ammess li, fit-testimonjanza tiegħu, M. ikkonferma li huwa ma kienx preżenti meta ġie konkluż l-arranġament komuni. Bl-istess mod, meta ġie interrogat dwar il-kwistjoni ta' jekk is-suġġett tal-arranġament komuni tqajjimx waqt il-laqgħat li attenda għalihom, M. wieġeb li ma kienx hemm għalfejn jissemma peress li l-arranġament komuni kien ovvju. Madankollu, dawn il-fatti ma jqegħdux f'dubju l-valur probatorju tat-testimonjanza ta' M. Fil-fatt, minn naħa, xhud jista' jipproduċi perfettament il-prova ta' fenomenu li dam matul iż-żmien anki jekk huwa ma kienx preżenti għall-bidu tiegħu. Min-naħa l-oħra, għalkemm M. iddikjara li l-kwistjoni tal-arranġament komuni ma ġietx diskussa b'mod espliċitu waqt il-laqgħat li kien ipparteċipa fihom, mit-testimonjanza tiegħu jirriżulta li, fil-fehma tiegħu, dan kien minħabba li l-kontenut tal-imsemmi arranġament kien mifhum, aċċettat u implementat mill-parteċipanti għall-akkordju mingħajr ma kien hemm għalfejn ikun hemm diskussjoni espliċita.

123 F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li l-impenn min-naħa ta' grupp ta' produttori li ma jippenetrawx suq irriżervat għall-grupp l-ieħor, bħall-impenn ikkontestat mill-Kummissjoni lill-produttori Ġappuniżi, huwa msejjes fuq kunċett sempliċi li jista' jiġi implementat faċilment. Bl-istess mod, din l-implementazzjoni ma għandhiex bżonn, bħala prinċipju, interazzjoni bejn l-impriżi kkonċernati. Konsegwentement, tali impenn jista' faċilment jeżisti bħala arranġament mhux miktub, fatt li jippermetti wkoll li jitnaqqas ir-riskju li l-arranġament jiġi skopert. F'dan ir-rigward, mill-premessi 170 sa 176 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, f'dan il-każ, il-parteċipanti għall-akkordju adottaw numru ta' prekawzjonijiet mil-lat organizzattiv u minn dak tekniku sabiex jevitaw li dan jiġi żvelat.

124 Fir-rigward tal-kontenut tat-testimonjanza ta' M., huwa ddikjara li kien jeżisti arranġament dwar il-protezzjoni reċiproka tas-swieq domestiċi, preċedenti għall-Ftehim GQ, bejn il-produttori Ġappuniżi u Ewropej, li dan l-arranġament kien kundizzjoni neċessarja għall-konklużjoni ta' ftehim dwar reġjuni oħra u li l-osservanza tar-regoli tiegħu kienet timplika li l-produttori Ġappuniżi ma kellhomx jippenetraw is-suq domestik tal-produttori Ewropej, anki jekk huma kienu kapaċi jagħmlu dan

mil-lat tekniku. F'dan il-kuntest, M. spjega wkoll il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni kif ukoll il-fatt li l-proġetti ta' SIG fil-pajjiżi kostrutturi ma kinux is-suġġett ta' diskussjonijiet bejn iż-żewġ gruppi ta' produtturi u ma kinux attribwiti fuq il-kwoti previsti mill-Ftehim GQ.

- 125 Barra minn dan, kif ġie osservat fil-punt 118 iktar 'il fuq, M. ma kienx konvint mill-interess kummerċjali tal-impriżi Ġappuniżi li jippenetraw is-suq Ewropew tal-proġetti ta' SIG. Madankollu, il-pożizzjoni ta' M., kondiviża minn P., hija bla ħsara għall-fatt li, kemm skont l-erba' xhieda ta' ABB kif ukoll skont ABB nnifisha, l-impriżi Ġappuniżi kienu impenjaw irwieħhom li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE anki jekk huma kienu kapaċi jagħmlu dan mil-lat tekniku.
- 126 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat ukoll li l-eventwali nuqqas ta' interess kummerċjali għall-produtturi Ġappuniżi li jippenetraw is-suq taż-ŻEE f'mument partikolari ma jagħmilx l-eżistenza ta' arranġament, bħall-arranġament komuni, bla skop. Fil-fatt, tali arranġament jista', minn naħa, jelimina r-riskju residwu ta' penetrazzjoni futura tas-swieq ikkonċernati fil-każ ta' bidla fis-sitwazzjoni kompetittiva u b'hekk, jiggarrantixxi sigurtà fit-tul liż-żewġ gruppi ta' produtturi, billi jistabbilizza l-pożizzjonijiet privileġġjati rispettivi tagħhom. Min-naħa l-oħra, huwa jikkostitwixxi wkoll il-bażi ta' fiduċja reċiproka bejn iż-żewġ gruppi. Issa, skont id-dikjarazzjonijiet ta' M., tali fiduċja kienet neċessarja sabiex l-akkordju jkun implementat fuq livell dinji.
- 127 Fid-dawl ta' dak kollu li nġhad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li t-testimonjanza ta' M. tikkostitwixxi indikazzjonijiet tal-eżistenza tal-arranġament komuni.
- 128 It-tielet nett, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, Wi. iddikjara li l-assenza tal-impriżi Ġappuniżi mis-suq Ewropew kienet ir-riżultat ta' sistema ta' protezzjoni tas-suq Ġappuniżi u ta' dak Ewropew, immotivata mill-fatt li l-ebda wieħed miż-żewġ gruppi

ta' produttori ma xtaq li l-grupp l-ieħor jintervjeni fis-suq domestiku tiegħu. Barra minn dan, P. b'mod spontanju rrefera għal ftehim .komuni mal-impriżi Ġappuniżi li abbażi tiegħu dawn tal-aħħar ma kellhomx jipparteċipaw fis-suq Ewropew u l-impriżi Ewropej ma kellhomx jipparteċipaw fis-suq Ġappuniż. Għalhekk, it-testimonjanzi ta' Wi. u ta' P. ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala "spekulazzjonijiet vagi", iżda, bil-kontra ta' dan, jikkostitwixxu elementi li jikkonfermaw l-eżistenza tal-arranġament komuni.

129 L-istess konstatazzjoni hija, barra minn hekk, applikabbli għall-aħħar testimonjanza prodotta fuq inizzjattiva ta' ABB u mogħtija minn V.-A.. Meta mistoqsi dwar l-eżistenza ta' xi kwalsiasi arranġament bejn il-produtturi Ewropej u Ġappuniżi, dan tal-aħħar wieġeb billi semma l-eżistenza ta' ftehim bejn il-produtturi Ġappuniżi u Ewropej li abbażi tiegħu l-impriżi Ewropej ma kellhomx "jattakkaw" lill-impriżi Ġappuniżi fis-suq Ġappuniż u viċi versa. Barra minn hekk, V. A. iddikjara li pparteċipa għal diskussjoni espliċita bejn l-impriżi Ewropej u r-rappreżentant ta' impriża Ġappuniża dwar l-osservanza ta' dan il-ftehim, li kienet ikkawżata mit-tentattivi ta' impriżi Ġappuniżi li jippenetraw is-suq Ewropew.

130 Bħala konklużjoni, għandu jiġi osservat li d-dikjarazzjonijiet u t-testimonjanzi prodotti minn ABB jikkostitwixxu elementi li jistgħu jipprovaw l-arranġament komuni, inkwantu fihom tisemmu l-eżistenza tal-imsemmi arranġament, hemm deskritt il-kontenut essenzjali ta' dan l-arranġament u hemm indikazzjonijiet dwar it-tul tiegħu u dwar il-parteċipanti għalih.

131 Bl-istess mod, l-elementi prodotti minn ABB huma koerenti fir-rigward tal-eżistenza u tal-kontenut fundamentali tal-arranġament komuni. Għalkemm teżisti differenza ta' opinjonijiet fir-rigward tal-interess kummerċjali tal-impriżi Ġappuniżi li jippenetraw is-suq Ewropew, dan il-fatt ma huwiex rilevanti f'dan il-każ fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet dwar l-eżistenza tal-arranġament komuni, kif ġie spjegat fil-punt 125 iktar 'il fuq.

- 132 Barra minn hekk, id-dikjarazzjonijiet ta' ABB ġew ipprovduti f'isem impriża u mill-kontenut tagħhom jirriżulta li huma bbażati fuq riċerki interni kif ukoll fuq diskussjonijiet mal-impjegati ta' din l-impriża. Għaldaqstant, għandu jiġi rrikonoxxut li huma għandhom ċertu livell ta' valur probatorju.
- 133 Min-naħa tagħhom, id-dikjarazzjonijiet li għamlu l-erba' xhieda kkonċernati huma kredibbli, peress li ġejjin minn xhieda diretti taċ-ċirkustanzi li huma jiddeskrivu u li miċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ ma jirriżultax li l-imsemmija xhieda kienu motivati sabiex jipproduċu provi distorti. Għalhekk, dawn għandhom jingħataw forza probatorja għolja.
- 134 Madankollu, abbażi tal-ġurisprudenza esposta fil-punt 90 iktar 'il fuq, il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet u tat-testimonjanzi prodotti minn ABB għandhom, f'kull każ, jiġu kkorroborati permezz ta' elementi oħra.

Fuq il-korroborazzjoni tal-elementi prodotti minn ABB

— L-argumenti tal-partijiet

- 135 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ssemmix elementi suffiċjenti li jikkorroboraw l-elementi prodotti minn ABB u b'mod partikolari ma tagħmel riferiment għal ebda prova eżistenti fil-mument ta' meta seħħew il-fatti kkontestati.

- 136 L-ewwel nett, l-allegazzjoni ta' Fuji li tgħid li hija kienet taf dwar l-arranġament komuni, magħmula fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, la hija sostnuta u lanqas ma hija spjegata u għalhekk tikkorrispondi għal teżi unilaterali min-naħa tagħha. Barra minn hekk, din tal-aħħar ma tispeċifikax jekk hija kinitx l-unika parti għall-allegat arranġament, jekk dan kienx arranġament tal-produtturi Ewropej jew inkella jekk il-produtturi Ġappuniżi kinux implikati wkoll. Iktar minn hekk, fit-talba ta' klemenza tagħha tal-11 ta' Lulju 2006, Fuji ma semmietx l-eżistenza tal-arranġament komuni. Dan tal-aħħar lanqas ma ġie msemmi fil-ħames testimonjanzi tal-impjegati ta' Fuji prodotti minnha.
- 137 Skont ir-rikorrenti, id-dikjarazzjonijiet unilaterali ta' Fuji li allegatament jikkorroboraw l-eżistenza tal-arranġament komuni, u b'mod partikolari, id-dikjarazzjoni tagħha tal-21 ta' Novembru 2006, ma kinux ġew ikkomunikati lilha u għalhekk ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni.
- 138 Barra minn hekk, il-valur probatorju dgħajef tal-elementi prodotti minn Fuji huwa kkonfermat mill-fatt li din tal-aħħar ma bbenefikat minn ebda klemenza min-naħa tal-Kummissjoni inkambju għall-komunikazzjoni tagħhom.
- 139 It-tieni nett, fir-rigward tal-konstatazzjoni li tgħid li Alstom u Areva ma kkontestawx l-eżistenza tal-arranġament komuni u VA TECH ma kkontestathix bil-miftuħ, ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li s-silenzju jitqies ekwivalenti għal konferma jikkostitwixxi ksur tad-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu u tal-prinċipji fundamentali fil-qasam tal-provi. Barra minn hekk, mill-perspettiva Prattika, l-eżistenza tal-arranġament komuni kienet, fil-parti l-kbira tagħha, irrilevanti għall-produtturi Ewropej, u għalhekk is-silenzju tagħhom kien prevedibbli. Fuq il-livell proċedurali, ir-rikorrenti tosserva li, peress li ma kellhiex aċċess għad-dokumenti kkonċernati, hija ma setgħetx tivverifika l-fondatezza tal-allegazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li VA TECH effettivament ikkontestat l-eżistenza tal-arranġament komuni.

¹⁴⁰ It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li s-sempliċi parteċipazzjoni tagħha għal laqgħat ma' produttori Ewropej fil-kuntest tal-Ftehim GQ hija irrilevanti f'dak li jirrigwarda l-eżistenza tal-arranġament komuni.

¹⁴¹ Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

¹⁴² F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-elementi prodotti minn Fuji, mill-punti 51 sa 53 iktar 'il fuq jirriżulta li l-osservazzjonijiet li ma ġewx ikkomunikati lir-rikorrenti, u b'mod partikolari l-osservazzjonijiet ta' Fuji tal-21 ta' Novembru 2006, ma setgħux jiġu invokati bħala element inkriminanti. Konsegwentement, l-imsemmija osservazzjonijiet ma jistgħux jikkorrobaw il-kontenut tal-elementi prodotti minn ABB.

¹⁴³ Min-naħa l-oħra, fit-tweġiba tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li s-silta rilevanti tagħha għet ikkomunikata lir-rikorrenti, Fuji ddikjarat li hija kienet taf bl-arranġament komuni li abbażi tiegħu l-produttori Ġappuniżi ma kellhomx jipprovwaw jippenetraw is-suq Ewropew, filwaqt li ppreċiżat li r-raġuni prinċipali għall-assenza ta' Fuji mis-suq taż-ŻEE kienet li hija ma kinitx fornitriċi sinjifikattiva kredibbli tas-SIG fl-Ewropa.

¹⁴⁴ Għandu jiġi ammess li din id-dikjarazzjoni hija relattivament vaga, peress li kulma tagħmel Fuji huwa li ssemmi l-impenn tal-produttori Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq Ewropew. Madankollu, b'dan il-mod, Fuji kkorrobora l-element essenzjali li jirriżulta mill-elementi prodotti minn ABB u li ġie invokat mill-Kummissjoni kontra l-produttori Ġappuniżi. B'hekk, id-dikjarazzjoni kkonċernata ma hijiex mingħajr

rilevanza f'dan il-każ. Dan huwa iktar u iktar minnu meta l-portata limitata tal-għarfien ta' Fuji tista' tiġi spjegata bir-rwol sekondarju li kellha fi ħdan il-kartell u, b'mod partikolari, bil-fatt li, kif jirriżulta mill-premessa 150 tad-deċiżjoni kkontestata, Fuji kienet l-unika impriża Ġappuniża li ma kinitx membru tal-kumitat tal-grupp ta' produtturi Ġappuniżi responsabbli b'mod partikolari għall-prattika miftiehma bejn iż-żewġ gruppi ta' produtturi fil-kuntest tal-Ftehim GQ.

145 F'dak li jirrigwarda l-impjegati ta' Fuji, għandu jiġi osservat li dawn tal-aħħar ma kkontestawx l-eżistenza tal-arranġament komuni iżda sempliċement baqgħu siekta dwar dan il-punt. Għalhekk, il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tal-impjegati ta' Fuji ma jikkonfutax il-valur probatorju tad-dikjarazzjoni ta' Fuji fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

146 Fir-rigward tal-kontenut tat-talba għal klemenza, mill-paragrafu 21 tal-avviż dwar il-kooperazzjoni jirriżulta li biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħti tnaqqis fil-multa, il-provi kkonċernati għandhom jirrappreżentaw valur probatorju sinjifikattiv meta pparagunati mal-elementi li l-Kummissjoni diġà jkollha fil-pussess tagħha. Konsegwentement, f'talba għal klemenza mressqa wara t-trażmissjoni tat-tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, huwa leġittimu li l-impriża li tixtieq tikseb tnaqqis fil-multa tiffoka fuq l-elementi li, fil-fehma tagħha, sa dak iż-żmien ikunu għadhom ma ġewx stabbiliti kif titlob il-liġi, sabiex tagħti valur miżjud sinjifikattiv. Issa, dan il-fatt jista' jispjega kif l-impriża kkonċernata ma tinkludix l-elementi li hija tikkunsidra li ġew stabbiliti mingħajr ebda dubju permezz ta' elementi li ġew ikkomunikati preċedentement.

147 Bl-istess mod, fid-dawl tad-diċitura tal-paragrafu 21 tal-avviż dwar il-kooperazzjoni, ma jstax jiġi eskluż li l-produzzjoni ta' elementi li jkollhom ċertu valur probatorju imma li jkkonċernaw fatti li diġà ġew stabbiliti minn elementi oħra, ma tagħti lok għall-ebda tnaqqis.

- 148 It-tieni nett, mis-silta tat-traskrizzjoni tas-smiegħ ta' VA TECH jirriżulta li din tal-aħħar ikkontestat espliċitament l-eżistenza tal-arranġament komuni matul dan is-smiegħ. Għaldaqstant, l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li dan ma huwiex il-każ ma hijiex sostnuta mil-fatti.
- 149 F'dak li jirrigwarda l-pożizzjoni allegatament newtrali ta' Areva, il-Kummissjoni ssostni li hija ma bbażatx ruħha fuq dan il-fatt sabiex tikkonkludi li kien hemm arranġament komuni, imma llimitat ruħha għal li tikkonstata li kien jeżisti. Għalkemm dik l-interpretazzjoni hija kkonfermata mid-diċitura tal-premessa 125 tad-deċizzjoni kkontestata, fejn l-ebda forza korroborattiva ma hija rikonoxxuta lill-pożizzjoni ta' Alstom, ta' Areva u ta' VA TECH, bil-kontra tad-dikjarazzjonijiet ta' Fuji li jikkonfermaw l-eżistenza tal-arranġament komuni, hija tqiegħdet f'dubju mill-premessa 255 tal-imsemmija deċizzjoni, fejn il-Kummissjoni ssemmi r-rikonoxximent impliċitu tal-eżistenza tal-arranġament komuni minn ċerti produttori Ewropej. F'kull każ, il-pożizzjoni newtrali ta' Alstom u ta' Areva ma tistax tiġi interpretata bħala prova tal-eżistenza tal-arranġament komuni. Fil-fatt, fid-dawl tal-oneru tal-prova li l-Kummissjoni għandha fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, in-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' fatt minn impriża ma jistabbilixxi il-fatt inkwistjoni.
- 150 It-tielet nett, kif tosserva r-rikorrenti, is-sempliċi fatt li hija pparteċipat għal-laqgħat tal-Ftehim GQ ma jikkostitwixxi prova tal-eżistenza tal-arranġament komuni. Fil-fatt, il-kwistjoni rilevanti hija dik li jsir magħruf jekk, hekk kif tallega l-Kummissjoni, l-imsemmi arranġament kienx implementat mid-diversi parteċipanti, fl-istess ħin li kien jiġi applikat il-Ftehim GQ u b'konnessjoni ma dan tal-aħħar.
- 151 Ir-raba' nett, mill-premessa 127 tad-deċizzjoni kkontestata jirriżulta li, waqt il-laqgħa tal-10 ta' Lulju 2002 li matulha ġiet diskussa l-evoluzzjoni tal-metodi ta' funzjonament tal-akkordju wara li Siemens u Hitachi reġgħu bdew jipparteċipaw f'dan l-akkordju, Alstom ippreżentat proposta li tgħid li l-produtturi Ewropej kellhom jibqgħu fl-Ewropa u l-produtturi Ġappuniżi kellhom jibqgħu fil-Ġappun u ma kellhomx jipprovaw jippenetraw is-suq Ewropew. Barra minn hekk, f'din il-premessa ġie ppreċiżat li, waqt

il-laqgħa sussegwenti tal-15 ta' Lulju 2002, ir-rappreżentant tal-impriża Hitachi kien indika li din tal-aħħar kienet qed tiċħad dik il-proposta, li l-produtturi Ewropej kienu rreaġixxew billi ddikjaraw li l-Ewropa, inkluża l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kienet is-suq tagħhom u li huma kien biġnsiebhom iżommu l-prezzijiet applikati fl-Ewropa tal-Punent u kienu ħabbru wkoll li l-kwistjoni kellha terġa' tiġi diskussa anki jekk dan ma kienx il-każ.

152 Għandu jiġi ammess li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, dan is-sommarju tal-laqgħat tal-10 u tal-15 ta' Lulju 2002, ibbażat fuq elementi prodotti minn Hitachi, jaġhti lil wieħed x'jifhem li Alstom ipproponiet li jiġi konkluż arranġament ġdid li ġie miċħud minn Hitachi u li ma ġiex diskuss iktar, li jimplika li, mill-inqas minn Lulju 2002, ma kien jeżisti l-ebda arranġament fir-rigward tal-aġir tal-produtturi Ġappuniżi fis-suq taż-ŻEE.

153 Madankollu, is-sommarju tal-laqgħa tal-15 ta' Lulju 2002 jiżvela, minn naħa, li Hitachi ma ċaħditx l-idea nnifisha ta' tqassim tas-swieq, imma biss il-proposta konkreta ta' Alstom. Min-naħa l-oħra, f'dan is-sommarju ġie indikat li Hitachi kienet żvelat li l-pretensjonijiet tal-produtturi Ewropej kienu jinkludu l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, li jaġhti lil wieħed x'jifhem li l-oppożizzjoni tagħha kienet marbuta ma' dan l-aspett speċifiku, imma mhux mas-sitwazzjoni fl-Ewropa tal-Punent.

154 Għandu jiġi osservat ukoll li l-preżentazzjoni tal-proposta kkonċernata min-naħa ta' Alstom tqiegħed f'dubju l-argumenti tar-rikorrenti f'dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni kompetittiva fis-suq taż-ŻEE. Fil-fatt, anki jekk jitqies, kif tallega r-rikorrenti, li l-produtturi Ġappuniżi ma kinux ipperċepiti bħala kompetituri kredibbli fis-suq taż-ŻEE minħabba li kien hemm barrieri insormontabbli għad-dħul, arranġament li jirrigwarda dan l-istess suq kien ikun tabilħaqq inutli. F'dan il-każ, il-produtturi Ewropej, li kienu jafu b'dan il-fatt minħabba l-pożizzjoni privileġġjata tagħhom

fl-Ewropa, ma kien ikollhom l-ebda raġuni sabiex jipproponu arranġament bħal dan. Issa, mis-sommarju prodott minn Hitachi jirriżulta li l-proposta ta' Alstom kienet tirrigwarda kemm is-suq taż-ŻEE kif ukoll dak tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

- 155 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi adottata l-interpretazzjoni li tgħid li, matul il-laqgħa tal-10 ta' Lulju 2002, Alstom ipproponiet l-estensjoni tal-arranġament komuni, kif allegat mill-Kummissjoni, għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.
- 156 Il-ħames nett, kif ikkonstatat fil-premessa 131 tad-deċiżjoni kkontestata, il-kontenut tal-Ftehim EQ huwa rilevanti, sa ċertu punt, f'dak li jirrigwarda l-eżistenza tal-arranġament komuni.
- 157 Fil-fatt, b'konformità mal-punt 4 tal-parti "E (E-Members)" tal-Anness 2 tal-Ftehim EQ, il-produtturi Ewropej "jiddeċiedu dwar in-notifika tal-proġetti Ewropej lill-[grupp tal-produtturi Ġappuniżi]". Mill-kuntest tal-Anness 2 jirriżulta li l-komunikazzjoni tal-informazzjoni kellha ssir qabel l-allokazzjoni tal-proġetti ta' SIG inkwistjoni.
- 158 Dan l-element jippermetti li jiġi miċħud, sa ċertu punt, l-argument tar-rikorrenti peress li jissuġġerixxi li l-produtturi Ewropej kienu jikkunsidraw li l-produtturi Ġappuniżi setgħu kienu interessati, għall-inqas, fil-proċess ta' allokkazzjoni ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, u li għalhekk kienu kompetituri potenzjali għal dawn il-proġetti.
- 159 Madankollu, xejn fil-Ftehim EQ u lanqas fl-elementi l-oħra prodotti mill-Kummissjoni ma jipprova li l-mekkaniżmu inkwistjoni ġie implementat mill-produtturi Ewropej jew li l-produtturi Ġappuniżi kienu jafu bih. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Ftehim EQ jikkostitwixxi biss indikazzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-impriżi Ġappuniżi mill-impriżi Ewropej.

- 160 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li d-dikjarazzjoni li għamlet Fuji fit-tweġiba tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għandha t-tendenza li tikkorrobora l-elementi prodotti minn ABB fir-rigward tal-eżistenza tal-arranġament komuni, madankollu l-valur probatorju tagħha huwa wieħed limitat. Barra minn hekk, il-proposta li Alstom għamlet matul il-laqgħa tal-10 ta' Lulju 2002 tikkostitwixxi prova li l-arranġament komuni kien jeżisti f'din id-data. Barra minn dan, il-kontenut tal-Ftehim EQ jikkostitwixxi indikazzjoni li tagħti lil wieħed x'jifhem li l-produtturi Ġappuniżi kienu kkunsidrati bħala kompetituri kredibbli għall-provvista ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, kif tallega l-Kummissjoni.
- 161 Min-naħa l-oħra, la l-pożizzjoni ta' VA TECH dwar l-eżistenza tal-arranġament komuni, la dik ta' Alstom, la dik ta' Areva, u lanqas is-sempliċi parteċipazzjoni tar-rikorrenti għal-laqgħat miżmuma fil-kuntest tal-Ftehim GQ ma huma elementi li jistgħu jikkorrobaw l-elementi prodotti minn ABB fir-rigward tal-eżistenza tal-imsemmi arranġament.

Fuq il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni

— L-argumenti tal-partijiet

- 162 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni hija bbażata fuq l-allegazzjoni li tgħid li l-produtturi Ġappuniżi kienu pperċepiti bħala kompetituri potenzjali fis-suq tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE. Din l-allegazzjoni hija mqiegħda f'dubju kemm mid-dikjarazzjoni espliċita ta' VA TECH li tgħid li kien kważi impossibbli għall-produtturi Ewropej li jipproponu l-prodotti tagħhom fil-Ġappun u viċi versa, kif ukoll mit-testimonjanza ta' M. li minnha jirriżulta li l-penetrazzjoni tas-suq Ewropew ma

kinitx profittabbli għall-impriżi Ġappuniżi. Konsegwentement, l-allegazzjonijiet dwar in-notifika u l-attribuzzjoni huma msejsa fuq premessa fattwali manifestament mhux eżatta. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li l-eżistenza tal-attribuzzjoni tistabbilixxi n-nuqqas ta' barrieri għad-dħul fis-suq Ewropew u, konsegwentement, l-eżistenza tal-arranġament komuni, huwa ċirkolari.

- 163 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni marbutin mal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni ma humiex stabbiliti kif titlob il-liġi. Skontha, l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni hija msejsa fuq il-fatt li l-produtturi Ġappuniżi kienu sistematikament informati bil-proġetti ta' SIG fil-pajjiżi Ewropej li ma kinux il-pajjiżi kostrutturi, sabiex setgħet tiġi kkontrollata l-attribuzzjoni tagħhom fil-kwota konġunta "Ewropea". Issa, l-elementi l-oħra għajr id-dikjarazzjonijiet ta' ABB invokati mill-Kummissjoni ma jistabbilixxu la n-natura sistematika tan-notifika u lanqas l-eżistenza ta' distinzjoni bejn il-pajjiżi kostrutturi u l-pajjiżi Ewropej l-oħra.
- 164 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti qabelxejn tosserva li hija ma kinitx parti għall-Ftehim EQ u li, konsegwentement, dan tal-aħħar jista' jiġi kkunsidrat biss bħala deċiżjoni unilaterali tal-produtturi Ewropej. Barra minn hekk, skontha, l-Anness 2 tal-imsemmi Ftehim ma jipprovdi notifika sistematika lill-produtturi Ġappuniżi, iżda bil-kontra ta' dan jeskludiha, filwaqt li jħalli lill-produtturi Ewropej il-libertà li jiddeċiedu dwar in-notifika eventwali tal-proġetti Ewropej. Bl-istess mod, dan it-test ma jipprovdi għall-attribuzzjoni tal-proġetti Ewropej fil-kwota konġunta "Ewropea".
- 165 Wara dan, il-lista ta' proġetti ta' SIG, prodotta minn ABB, hija dokument redatt minn ABB li ma ġiex ikkomunikat lill-parteċipanti l-oħra tal-akkordju. Għaldaqstant, skont ir-rikorrenti l-imsemmi lista ma hijiex prova tan-notifika sistematika tal-proġetti ta' SIG fl-Ewropa lill-impriżi Ġappuniżi.

166 Fl-aħħar nett, is-silta tat-talba għal klemenza ta' Hitachi li tgħid li Siemens kienet regolamentarment tiċċirkola tabella b'informazzjoni li tiġbor fil-qosor il-proġetti ta' SIG attribwiti lill-impriżi Ewropej u Ġappuniżi ma tippreċiżax jekk l-iskambji inkwistjoni kienux jikkonċernaw proġetti ta' SIG fl-Ewropa, u l-kuntest ta' din id-dikjarazzjoni jissuġġerixxi li dan ma kienx il-każ. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li tinsab fit-tweġiba ta' Hitachi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li tgħid li n-notifika kienet titwettagħ sabiex tkun tista' ssir l-attribuzzjoni, din ma hija sostnuta minn ebda produttur Ġappuniż ieħor u hija saħansitra kkontradetta b'mod speċifiku kemm mir-rikorrenti kif ukoll minn Fuji, fejn din tal-aħħar indikat li informazzjoni dwar it-tqassim tal-proġetti ta' SIG fl-Ewropa ma kienx ikkomunikat b'mod sistematiku lill-produtturi Ġappuniżi.

167 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li l-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni deskritt mill-Kummissjoni huwa kkumplikat u ma huwiex applikat awtomatikament. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma tantx huwa probabbli li dan ma ssemmiex fil-Ftehim GQ jew f'dokument ieħor li kien jeżisti fil-mument ta' meta sehew il-fatti kunfliġġenti.

168 Ir-raba' nett, anki jekk jitqies li ċerti proġetti Ewropej kienu ġew attribwiti fil-kwota konġunta "Ewropea" prevista mill-Ftehim GQ, dan il-fatt ma jurix li r-rikorrenti kienet wettqet ksur. Skont ir-rikorrenti, l-attribuzzjoni seta' jkollha effett biss barra mit-territorju taż-ŻEE, peress li din kienet tagħti lill-produtturi Ġappuniżi dritt għal iktar proġetti barra minn din iż-żona. Issa, din iċ-ċirkustanza ma hijiex ekwivalenti għal ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

169 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 170 L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni ma humiex ibbażati esklużivament fuq it-teżi li tgħid li l-produtturi Ġappuniżi kienu pperċepiti bħala kompetituri kredibbli fis-suq taż-ŻEE. Fil-fatt, il-Kummissjoni tqis li għabret provi pożittivi tal-eżistenza tal-imsemmi mekkaniżmu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat il-valur probatorju tal-elementi li l-Kummissjoni tipproduċi sabiex jiġi vverifikat jekk dawn jistabbilixxux, skont il-liġi, l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni, minkejja l-kontestazzjoni ta' ċerti impriżi kkonċernati.
- 171 Għalhekk għandu jiġi osservat li fit-testimonjanza tiegħu, M. ikkonferma espliċitament l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni. Huwa ddikjara wkoll li dan il-mekkaniżmu ma kienx jikkonċerna l-proġetti ta' SIG fil-pajjiżi kostrutturi, jiġifieri fil-Ġappun u f'ċerti pajjiżi Ewropej. Min-naħa l-oħra, huwa ma sostniex li r-realtà jew ir-rilevanza tal-imsemmi mekkaniżmu kienet imqiegħda f'dubju mill-fatt li, fl-opinjoni tiegħu, l-impriżi Ġappuniżi ma kellhomx interess kummerċjali li jippenetraw is-suq taż-ŻEE.
- 172 L-eżistenza ta' mekkaniżmu li jikkonsisti fl-attribuzzjoni tal-valur tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE fuq il-kwota dinjija prevista mill-Ftehim GQ ġiet affermata wkoll fid-dikjarazzjonijiet ta' ABB.
- 173 F'dak li jirrigwarda l-Ftehim EQ, fil-punt 157 iktar 'il fuq ġie kkonstatat li l-punt 4 tal-parti "E (E-Members)" tal-Anness 2 tiegħu kienet tirrigwarda l-komunikazzjoni eventwali tal-informazzjoni ta' qabel it-tqassim tal-proġetti ta' SIG ikkonċernati. Min-naħa l-oħra, din il-klawżola ma kinitx tirrigwarda s-segwitu tal-proġetti diġà allokati. Konsegwentement, jekk il-kontenut tal-imsemmija klawżola jikkostitwixxi indikazzjoni li jagħti lil wieħed x'jifhem li l-produtturi Ġappuniżi kienu kkunsidrati bħala kompetituri kredibbli għall-provvista ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE,

il-miżuri li hija kienet tipprevedi ma jagħmlux parti mill-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni kif ġie allegat mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-Anness 2 għall-Ftehim EQ ma huwiex rilevanti biex jiġi pprovat dan l-istess mekkaniżmu.

- 174 Bl-istess mod, kif issostni r-rikorrenti, mil-lista ta' proġetti pprovduta minn ABB ma jirriżultax li proġetti ta' SIG fiż-ŻEE kienu ġew regolarment innotifikati lill-produtturi Ġappuniżi. Għaldaqstant lanqas din il-lista ma tikkostitwixxi prova tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni.
- 175 Fir-rigward tal-elementi prodotti minn Hitachi, għandu jiġi osservat li, moqrija fil-kuntest tas-sentenzi li jiġu eżattament qabilha, id-dikjarazzjoni li tgħid li Siemens kienet tiċċirkola b'mod regolari t-tabelli b'informazzjoni li tiġbor fil-qosor parti mill-proġetti ta' SIG allokat li diversi membri tal-akkordju, tirreferi għal proġetti ta' SIG barra miż-ŻEE. Konsegwentement, din id-dikjarazzjoni ma hijiex rilevanti biex jiġi pprovat il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni, kif ġie allegat mill-Kummissjoni, li kien jirrigwarda l-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE.
- 176 Min-naħa l-oħra, fit-tweġiba tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, Hitachi ddikjarat li, qabel ma hija interrompiet il-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju fl-1999, il-produtturi Ewropej kienu jikkomunikaw lill-produtturi Ġappuniżi d-dettalji tal-proġetti ta' SIG li kellhom jipprovdut fl-Ewropa, sabiex jippermettu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-proġetti meta tiġi ddeterminata l-kwota tal-proġetti ta' SIG barra miż-ŻEE allokat liż-żewġ gruppi ta' produtturi skont il-Ftehim GQ.
- 177 Din id-dikjarazzjoni tikkonferma b'mod espliċitu l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni invokat mill-Kummissjoni sal-1999. Barra minn hekk, il-valur probatorju tagħha huwa wieħed kbir għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, l-imsemmija dikjarazzjoni tmur kontra l-interessi ta' Hitachi, peress li hija timplika

li teżisti rabta bejn l-attivitajiet kollużivi fi ħdan iż-ŻEE u l-produtturi Ġappuniżi, u minħabba f'hekk tikkostitwixxi element inkriminanti. Min-naħa l-oħra, meta tinqara s-silta kkonċernata tat-tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jidher li Hitachi ma kinitx taf bid-deduzzjonijiet li setgħu jsiru abbażi ta' din id-dikjarazzjoni.

- 178 Barra minn hekk, kif ġie osservat fil-punt 55 iktar 'il fuq, Hitachi ma reġgħetx lura mill-kontenut fattwali tad-dikjarazzjonijiet tagħha dwar il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni fir-risposta supplimentari tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 179 Min-naħa tagħha, Fuji, fit-tweġiba tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, iddikjarat li l-informazzjoni dwar it-tqassim tal-proġetti ta' SIG fil-pajjiżi Ewropej esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim GQ ma kinitx ikkomunikata b'mod sistematiku lill-produtturi Ġappuniżi u li, konsegwentement, Fuji ma kinitx taf kif kien jiffunzjona l-Ftehim EQ. L-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni ġiet ikkontestata wkoll mir-rikorrenti, kif jirriżulta b'mod partikolari mis-silta tat-traskrizzjoni tas-smiġh tagħha.
- 180 Madankollu, għandu jiġi osservat, minn naħa, li l-pożizzjonijiet adottati minn Fuji u mir-rikorrenti ma jmorrux kontra l-interessi tagħhom, peress li l-għan tagħhom huwa li jikkontestaw l-eżistenza ta' kull ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant il-forza probatorja tagħhom hija iktar dgħajfa minn dik tal-elementi rilevanti prodotti minn ABB u minn Hitachi.
- 181 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li r-rwol sekondarju ta' Fuji fi ħdan il-kartell, imfakkar fil-punt 144 iktar 'il fuq, jista' jispjega l-fatt li Fuji ma kinitx involuta fl-iskambji kollha tal-informazzjoni li kienet ġejja mill-grupp tal-produtturi Ewropej. Dan il-fatt iqiegħed ukoll f'dubju l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet ta' Fuji dwar dan il-punt meta pparagunata ma' dik tal-elementi prodotti minn ABB u minn Hitachi,

li kienu membri tal-kumitati tal-gruppi rispettivi tagħhom u kienu, għaldaqstant, assoċjati iktar mill-qrib mal-funzjonament dettaljat tal-allegat akkordju.

- 182 Barra minn hekk, għalkemm il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni kien jeħtiegħ ċerti miżuri ta' implementazzjoni, dawn madankollu ma kinux partikolarment kumplessi, peress li essenzjalment kienu jikkonsistu fil-komunikazzjoni ta' ċerta data mill-grupp Ewropew lill-grupp Ġappuniż, li kienet ukoll parallela għal dik implementata abbażi tal-Ftehim GQ fir-rigward tal-proġetti ta' SIG barra miż-ŻEE. Konsegwentement, ma jidherx li dawn il-miżuri kienu jeżiġu regoli bil-miktub, anki fid-dawl tar-rieda tal-partijiet f'akkordju li jitnaqqas ir-riskju li dan l-akkordju jinkixef.
- 183 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni għet stabbilita kif titlob il-liġi permezz tal-elementi prodotti minn ABB, kif ikkorroborati bid-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 184 Bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, mill-elementi analizzati fil-punt preċedenti ma jirriżultax li l-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni ġie implementat okkażjonalment u b'mod diskrezzjonali. Fil-fatt, għalkemm id-dikjarazzjonijiet ta' ABB u ta' Hitachi u t-testimonjanza ta' M. ma jindirizzawx dan is-suġġett espliċitament, mill-formulazzjonijiet użati fid-dokumenti inkwistjoni jirriżulta b'mod ċar li n-notifika kienet proċedura li kienet issir b'mod regolari u kienet applikabbli għall-parteċipanti u għall-proġetti kollha kkonċernati. Kif ġie spjegat fil-punt 181 iktar 'il fuq, id-dikjarazzjonijiet ta' Fuji, min-naħa tagħhom, huma inqas affidabbli dwar dan il-punt mill-elementi prodotti minn ABB u minn Hitachi. Barra minn hekk,

fil-punt 173 iktar 'il fuq diġà ġie osservat li l-Anness 2 għall-Ftehim EQ ma jikkonċernax in-notifika u l-attribuzzjoni, kif allegat mill-Kummissjoni, u għaldaqstant ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

185 Fir-rigward tal-perijodu ta' implementazzjoni tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni, id-dikjarazzjonijiet ta' ABB ma jirreferux għal perijodu speċifiku u b'hekk jistgħu, *a priori*, jiġu interpretati bħala li jirreferu għall-ksur kollu. Id-dikjarazzjonijiet ta' M., min-naħa tagħhom, jirreferu għall-perijodu li matulu huwa pparteċipa fl-attivitatiet tal-akkordju, jiġifieri bejn l-1988 u Ġunju 2002. Madankollu, sa fejn fil-punt 90 iktar 'il fuq ġie osservat li l-elementi prodotti minn ABB għandhom jiġu kkorroborati minn elementi oħra, għandu jiġi osservat li d-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi jirrigwardaw il-perijodu ta' qabel il-mument meta din tal-aħħar interrompiet il-parteeċipazzjoni tagħha fl-akkordju fl-1999. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni ġiet stabbilita għal dan il-perijodu tal-aħħar.

186 Fir-rigward tar-rilevanza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni fil-kuntest tal-prova tal-arranġament komuni, għandu jiġi kkunsidrat li dan jikkostitwixxi indikazzjoni serja tal-fatt li l-produtturi Ġappuniżi kienu pperċepiti bħala kompetituri potenzjali kredibbli fis-suq taż-ŻEE mill-produtturi Ewropej. Fil-fatt, jekk tabilħaqq jitqies li s-suq Ewropew ma setax jiġi ppenetrat mill-produtturi Ġappuniżi minħabba l-eżistenza ta' barrieri għad-dħul, il-produtturi Ewropej ma kienx ikollhom raġuni biex jinnotifikaw ir-riżultati tal-allokazzjoni ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE u, *a fortiori*, li jattribwixxu dawn l-istess proġetti fil-kwota konġunta "Ewropea" prevista mill-Ftehim GQ, għaliex din l-attribuzzjoni kienet se twassal biex iċċaħħadhom minn parti mill-proġetti ta' SIG fir-reġjuni msemmija fil-Ftehim GQ. Għaldaqstant, l-eżistenza ta' tali mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni timplika li l-impriżi Ġappuniżi setgħu jippenetraw is-suq Ewropew. Jekk huma ma għamlux hekk, kien għaliex kienu impenjaw irwieħhom li ma jagħmlux dan, inkambju għal parti iktar sinjifikattiva mill-proġetti ta' SIG barra miż-ŻEE. B'hekk, il-mekkaniżmu inkwistjoni jikkostitwixxi

rabta bejn l-attivitajiet kollużivi fi ħdan iż-ŻEE u l-produtturi Ġappuniżi u, minħabba f'hekk, prova indiretta tal-eżistenza tal-arranġament komuni.

187 Il-kwistjoni ta' jekk il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni kellux effetti fis-suq taż-ŻEE ma hijiex rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, kif ġie osservat fil-punt 97 iktar 'il fuq, il-bażi tal-ilment li l-Kummissjoni kkontestat lir-rikorrenti fid-deċiżjoni kkontestata huwa l-impenn tal-impriżi Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE, li huwa pprovat indirettament bl-eżistenza tal-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li, fil-fehma tal-Kummissjoni, l-imsemmi mekkaniżmu jikkostitwixxi ksur awtonomu tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

188 Bl-istess mod, ma hemmx għalfejn jiġi stabbilit li l-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni ma kienx jirrigwarda l-proġetti ta' SIG fil-pajjiżi kostrutturi Ewropej sabiex l-imsemmi mekkaniżmu jkun jista' jiġi kkunsidrat bħala indikazzjoni rilevanti tal-eżistenza tal-arranġament komuni, abbażi tar-raġunament spjegat fil-punt 186 iktar 'il fuq. Konsegwentement, l-eventwali nuqqas ta' korroborazzjoni tat-testimonjanza ta' M. dwar dan il-punt ma hijiex sinjifikattiva.

189 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-eżistenza tan-notifika regolari lill-grupp ta' produtturi Ġappuniżi ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE wara l-allokazzjoni tagħhom u l-attribuzzjoni ta' dawn l-istess proġetti fil-kwota konġunta "Ewropea" prevista mill-Ftehim GQ ġiet stabbilita, fir-rigward tal-perijodu ta' bejn l-1988 u l-interruzzjoni tal-parteciġipazzjoni fl-akkordju min-naħa ta' Hitachi fl-1999, bid-dikjarazzjonijiet ta' ABB, b'dawk ta' Hitachi u bit-testimonjanza ta' M.. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu inkwistjoni jikkostitwixxi prova indiretta tal-eżistenza tal-arranġament komuni invokat mill-Kummissjoni.

Fuq l-elementi li allegatament jikkontradixxu l-eżistenza tal-arranġament komuni

— L-argumenti tal-partijiet

- ¹⁹⁰ Ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li mill-fajl jirriżulta li matul il-laqgħa tal-15 ta' Lulju 2002, Hitachi rrifjutat il-proposta għal konklużjoni tal-arranġament komuni, ppreżentata minn Alstom.
- ¹⁹¹ It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-eżistenza tal-arranġament komuni hija kkontestata mhux biss minnha iżda wkoll minn Hitachi, Melco, VA TECH u Siemens. B'mod partikolari, Siemens ipproduċiet dikjarazzjoni ta' wieħed mill-impjegati tagħha li pparteċipa għall-attivitajiet tal-akkordju, T., li tgħid li ma kien jeżisti l-ebda arranġament li kien jirrigwarda r-riżervazzjoni reċiproka tas-swieq Ġappuniżi u Ewropej. Issa, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ttrattatx dan l-element filwaqt li bbażat ruħha fuq l-elementi kontradittorji prodotti minn ABB.
- ¹⁹² Ir-rikorrenti tfakkar ukoll li, skontha, l-eżistenza tal-arranġament komuni kienet, fil-parti l-kbira, irrilevanti għall-produtturi Ewropej li kienu ammettew l-eżistenza ta' akkordju Ewropew. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-skiet tagħhom kien prevedibbli peress li kien fl-interess tagħhom li l-kontestazzjoni tagħhom tal-fatti tkun minima sabiex ma jipperikolawx l-eżitu tat-talbiet għal klemenza tagħhom.
- ¹⁹³ It-tielet nett, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ftehim intitolat "General Rules for GE Agreement" (iktar 'il quddiem il-"Ftehim GE"), konkluż mill-produtturi Ewropej fis-17 ta' Marzu 1987 sabiex iqassmu bejniethom il-proġetti ta' SIG fl-Ewropa.

194 Skont ir-rikorrenti, l-eżistenza ta' ftehim li jirrigwarda l-proġetti ta' SIG fl-Ewropa, preċedenti għall-Ftehim GQ, l-ewwel nett, tikkontradixxi l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-arranġament komuni kien joffri sostenn lill-produtturi Ewropej fl-organizzazzjoni tal-akkordju għall-imsemmija proġetti. It-tieni nett, l-eżistenza tal-Ftehim GE tqiegħed ukoll f'dubju l-konstatazzjoni li l-Kummissjoni għamlet fid-deċiżjoni kkontestata li tgħid li l-attribuzzjoni tal-proġetti ta' SIG fuq livell dinji kienet tibda bl-attribuzzjoni tas-suq Ġappuniż lill-produtturi Ġappuniżi u tas-suq Ewropew lill-produtturi Ewropej. Il-kollużjoni pjuttost bdiet meta dawn tal-aħħar qassmu bejniethom is-suq Ewropew. Fl-aħħar nett, sa fejn il-produtturi Ewropej kienu implementaw akkordju li jikkonċerna l-proġetti ta' SIG fl-Ewropa, huma ma kellhom l-ebda interess li jaqsmu l-imsemmija proġetti mal-impriżi Ġappuniżi li ma kinux ikkunsidrati bħala kompetituri kredibbli fis-suq taż-ŻEE, u lanqas li jikkonkludu l-arranġament komuni magħhom.

195 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

196 L-ewwel nett, kif ġie osservat fil-punt 155 iktar 'il fuq, għandu jiġi kkunsidrat li, matul il-laqgħa tal-10 ta' Lulju 2002, Alstom ipproponiet l-estensjoni tal-arranġament komuni, kif allegat mill-Kummissjoni, għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Dan il-fatt jikkorroborra l-eżistenza tal-arranġament komuni.

197 It-tieni nett, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkunsidrat li d-dikjarazzjonijiet u t-testimonjanzi ta' ABB, id-dikjarazzjonijiet ta' Fuji dwar l-eżistenza tal-arranġament komuni u d-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi dwar in-notifika u l-attribuzzjoni kellhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom forza probatorja iktar sinjifikattiva

mill-kontestazzjonijiet tal-eżistenza tal-arranġament komuni mir-rikorrenti, minn Hitachi, minn Melco, minn VA TECH u minn Siemens.

- 198 Fil-fatt, b'differenza mill-ewwel grupp ta' elementi, il-kontestazzjonijiet inkwistjoni ma humiex kuntrarji għall-interessi tal-impriżi kkonċernati, peress li huma għandhom l-għan li jqiegħdu f'dubju l-eżistenza ta' kull ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. Din il-konstatazzjoni tapplika wkoll għat-testimonjanza ta' T., fejn dan tal-aħħar illimita ruħu li jesponi l-orijini tal-Ftehim GQ, li jikkontesta l-eżistenza tal-arranġament komuni u li jinvoka l-barrieri għad-dħul kemm fis-suq taż-ŻEE kif ukoll fis-suq Ġappuniż. F'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, l-arranġament komuni, it-testimonjanza ta' T. ma pprovdietx elementi ġodda meta mqabbla ma' dawk prodotti mid-destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 199 Barra minn hekk, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-impriżi Ewropej, inkluża Siemens, ma kellhomx interess li jikkontestaw l-eżistenza tal-arranġament komuni, peress li fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet dan tal-aħħar kien interpretat mill-Kummissjoni bħala li kien ftehim kollużiv bejn il-produtturi Ewropej u l-produtturi Ġappuniżi fir-rigward tas-suq taż-ŻEE u, konsegwentement, kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. Issa, tali konstazzjoni kienet dannuża għall-interessi tal-produtturi Ewropej, għall-inqas potenzjalment, fil-każ fejn l-ilmenti l-oħra li kkontestatilhom il-Kummissjoni ma setgħux jiġu stabbiliti kif titlob il-liġi.
- 200 It-tielet nett, l-argumentazzjoni tar-rikorrenti dwar il-Ftehim GE hija bbażata fuq il-premessa li tgħid li dan ġie ffirmat u implementat indipendentement mill-Ftehim GQ jew mill-arranġament komuni. F'dan ir-rigward, ma huwiex ikkontestat li l-Ftehim GE ġie ffirmat qabel il-Ftehim GQ u l-Ftehim EQ. Madankollu, dan il-fatt ma jimplikax li dan ma kienx marbut mal-elementi l-oħra tal-akkordju dinji kif allegat mill-Kummissjoni.

- 201 Fil-fatt, skont l-Artikolu 15 tiegħu, il-Ftehim GE għall-ewwel kellu jkun soluzzjoni intermedja valida sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim GQ u, fin-nuqqas ta' dan, kellu jerġa' jiġi nnegozjat wara l-31 ta' Diċembru 1988. B'hekk, jidher li, meta kkonkludew il-Ftehim GE, il-firmatarji diġà kienu qed jantiċipaw l-istabbiliment tal-akkordju dinji u tal-elementi differenti tiegħu, inkluż, skont l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-arranġament komuni. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mit-testimonjanza ta' M. li tgħid li l-akkordju dinji kien is-suġġett ta' negozjati kumplessi li damu għaddejjin diversi snin qabel ma ġie ffirmat il-Ftehim GQ.
- 202 Barra minn hekk, skont M., l-impenn reċiproku taż-żewġ gruppi ta' produttori li ma jippenetrawx is-swieq domestiċi tal-grupp l-ieħor, li huwa l-punt essenzjali tal-arranġament komuni invokat mill-Kummissjoni, kien preċedenti għall-konklużjoni tal-Ftehim GQ. Konsegwentement, dan l-impenn seta' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-produtturi Ewropej meta ffirmaw il-Ftehim GE.
- 203 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-Ftehim GE jqiegħed f'dubju l-eżistenza tal-arranġament komuni invokat mill-Kummissjoni.

Kunsiderazzjonijiet globali

- 204 Mill-eżami li sar fil-punti 111 sa 189 iktar 'il fuq jirriżulta, l-ewwel nett, li d-dikjarazzjonijiet ta' ABB u t-testimonjanzi tal-impjegati u tal-ex impjegat tagħha jirreferu għall-eżistenza ta' arranġament li abbażi tiegħu l-produtturi Ewropej u Ġappuniżi daħlu għall-impenn reċiproku li ma jippenetrawx is-swieq domestiċi tal-grupp l-ieħor. L-imsemmija elementi jippermettu wkoll li jiġu identifikati l-partijiet għall-arranġament u li jiġi konkluż li, għalkemm dan probabbilment kien preċedenti

għall-Ftehim GQ, dan ġie konkluż mhux iktar tard minn meta ġie konkluż dan il-ftehim tal-aħħar.

- 205 It-tieni nett, l-eżistenza tal-arranġament reċiproku msemmi iktar 'il fuq hija kkorroborata mill-proposta ppreżentata minn Alstom waqt il-laqgħa tal-10 ta' Lulju 2002. L-eżistenza tal-impenn tal-impriżi Ġappuniżi li ma jippenetrawx is-suq Ewropew hija wkoll ikkorroborata mid-dikjarazzjonijiet ta' Fuji.
- 206 It-tielet nett, mid-dikjarazzjonijiet u mit-testimonjanza ta' ABB, ikkorroborati mid-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi, jirriżulta li l-produtturi Ġappuniżi aċċettaw, għall-inqas fir-rigward tal-perijodu mill-1988 sal-1999, in-notifika regolari tar-riżultati tal-allokazzjoni ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE u l-attribuzzjoni tagħhom fil-kwota konġunta "Ewropea" prevista mill-Ftehim GQ. Bl-istess mod, skont il-punt 4 tal-parti "E (E-Members)" tal-Anness 2 għall-Ftehim EQ, il-produtturi Ewropej ipprevedew il-possibbiltà li jikkomunikaw lill-produtturi Ġappuniżi d-dettalji ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE qabel l-allokazzjoni tagħhom. Dawn iż-żewġ fatti jissuġġerixxu li l-produtturi Ġappuniżi kienu kkunsidrati bħala kompetituri kredibbli għall-provvista ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, iżda li huma impenjaw irwieħhom li ma jippenetrawx is-suq Ewropew inkambju għal parti iktar sinjifikattiva mill-proġetti ta' SIG f'reġjuni oħra. B'hekk, dawn huma provi indiretti tal-eżistenza tal-arranġament reċiproku bejn il-produtturi Ewropej u l-produtturi Ġappuniżi.
- 207 B'hekk, l-elementi prodotti mill-Kummissjoni jsostnu l-affermazzjonijiet tagħha dwar l-eżistenza tal-arranġament komuni, kif miġbura fil-qosor fil-punt 96 iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, ma huwiex probabbli li l-elementi invokati mir-rikorrenti u evalwati fil-punti 196 sa 203 iktar 'il fuq jistgħu jqiegħdu f'dubju l-imsemmija affermazzjonijiet. Għalhekk, għandu jġi konkluż li l-eżistenza tal-arranġament komuni ġiet stabbilita kif titlob il-liġi.

208 Din il-konklużjoni timplika li l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni marret lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali tagħha għandhom jiġu miċħuda hekk kif spjegat fil-punt 101 iktar 'il fuq.

209 Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha biss fuq l-aġir fis-suq tal-impriżi inkwistjoni biex tikkonkludi li kien hemm il-ksur allegat, ma huwiex biżżejjed li r-rikorrenti jissostitwixxu spjegazzjoni plawżibbli oħra tal-fatti għal dik adottata mill-Kummissjoni. Konsegwentement, l-isjegazzjoni alternattiva proposta mir-rikorrenti ma hijiex rilevanti fir-rigward tal-eżistenza tal-imsemmi ksur.

210 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

211 Barra minn hekk, minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-arranġament komuni kien jeżisti mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni, bħala prova inkriminanti, l-osservazzjonijiet ta' Fuji tal-21 ta' Novembru 2006. Konsegwentement, skont dak li ġie espost fil-punt 53 iktar 'il fuq, it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq allegat ksur tad-dritt ta' aċċess għal fajl, għandha tiġi miċħuda b'mod definittiv u għaldaqstant it-tielet motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwat

212 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma pprovatx l-eżistenza ta' ksur uniku li jkopri l-Ftehim GQ, l-arranġament komuni u l-aġiri antikompetittivi tal-produtturi Ewropej fi ħdan iż-ŻEE. Fil-kuntest tat-tieni

parti tat-tieni motiv, ir-rikorreni tallega li l-Kummissjoni la wriet l-eżistenza tal-akkordju bejn Settembru 1999 u l-25 ta' Marzu 2002, u lanqas il-parteciċipazzjoni tagħha fl-akkordju matul dan l-istess perijodu.

213 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorreni.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-prova ta' ksur uniku

— L-argumenti tal-partijiet

214 Ir-rikorreni ssostni li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni wriet b'mod xieraq l-eżistenza tal-arranġament komuni, hija ma stabbilixxietx li r-rikorreni kellha l-intenzjoni li tikkontribwixxi għat-tqassim tal-proġetti, għat-tbagħbis tal-offerta, għall-iffissar tal-prezzijiet u għall-aġiri antikompetittivi l-oħra adottati fi ħdan iż-ŻEE mill-produtturi Ewropej. Hija tosserva li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-produtturi Ewropej kienu għamlu l-almu tagħhom biex ma jiżvelawx lill-produtturi Ġappuniżi l-attivitajiet tal-akkordju Ewropew irregolati bil-Ftehim EQ, u dan anki billi ppreparaw ftehim reċiproku ddettaljat dwar in-nuqqas ta' żvelar.

215 Għalhekk, ir-rikorreni tqis li l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-ġurisprudenza sabiex impriża tkun tista' tinżamm responsabbli għall-elementi kollha ta' ksur u, b'mod partikolari, f'dan il-każ, għall-aġir tal-produtturi Ewropej, ma humiex sodisfatti. Skont ir-rikorreni, hija qatt ma assistiet għal laqgħat li kienu jikkonċernaw l-attivitajiet

tal-kartell fi ħdan iż-ŻEE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma pprovatx li hija kellha l-intenzjoni li bl-aġir tagħha tikkontribwixxi għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha. F'dan ir-rigward, is-sempliċi possibbiltà li r-rikorrenti setgħet tiddeđu li kien hemm aġir kollużiv fi ħdan iż-ŻEE ma hijiex suffiċjenti.

216 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma hijiex kompetenti sabiex taġixxi kontra u tissanzjona ftehim li ma għandhomx l-għan jew l-effett li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fi ħdan iż-ŻEE, bħalma huwa l-Ftehim GQ.

217 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

218 Il-ftehim u l-prattiki miftiehma msemmija fl-Artikolu 81(1) KE neċessarjament jirriżultaw mill-kollaborazzjoni ta' diversi impriżi, li huma lkoll koawturi tal-ksur, iżda li l-parteċipazzjoni tagħhom tista' tieħu għamliet differenti, b'mod partikolari, skont il-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat u l-pożizzjoni ta' kull impriża f'dan is-suq, l-għanijiet imfittxija u l-metodi ta' implementazzjoni magħżula jew maħsuba. Madankollu, is-sempliċi fatt li kull impriża tipparteċipa fil-ksur f'modi partikolari għaliha ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża r-responsabbiltà tagħha għall-ksur kollu, inkluż l-aġir li jiġi implementat minn impriżi parteċipanti oħra li madankollu jkollu l-istess għan jew l-istess effett antikompetittiv (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punti 79 u 80). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.

- 219 B'hekk, impriża li pparteċipat fi ksur permezz ta' aġir attribwibbli lilha, li jaqa' taħt il-kunċetti ta' ftehim jew ta' Prattika miftiehma b'għan antikompettitiv skont l-Artikolu 81(1) KE u li kien intiż sabiex jikkontribwixxi għat-twettiq tal-ksur kollu kemm hu, hija wkoll responsabbli, għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur, għall-aġir implementat minn impriżi oħra fil-kuntest tal-istess ksur, meta jkun stabbilit li l-impriża inkwistjoni kienet taf bl-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-parteċipanti l-oħra, jew li setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta li taċċetta r-riskju (sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 218 iktar 'il fuq, punt 83). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.
- 220 F'dan il-każ, l-ewwel nett, mill-eżami tal-ewwel motiv jirriżulta li l-impriża Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, ipparteċipaw, flimkien mal-impriżi Ewropej, fl-arranġament komuni, li kien ftehim bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tas-suq Ewropew tal-proġetti ta' SIG. Konsegwentement, il-Kummissjoni kienet kompetenti sabiex taġixxi kontra u tissanzjona l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-akkordju. Barra minn hekk, l-eżistenza tal-arranġament komuni timplika li l-impriżi Ġappuniżi kienu jafu bil-fatt li l-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE kienu rriżervati għall-produtturi Ewropej.
- 221 F'dan ir-rigward, il-fatt li r-rikorrenti ma pparteċipawx f'miżuri kollużivi speċifiċi fiż-ŻEE ma huwiex rilevanti. Fid-dawl tan-natura tal-impenn tagħha abbażi tal-arranġament komuni, il-parteċipazzjoni tagħha ma kinitx utli. Fil-fatt, il-produtturi Ġappuniżi ma kellhom l-ebda interess li jintervjenu fl-allokazzjoni stess tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, li huma kienu hađu l-impenn li ma jiddux. L-uniku interess tagħhom kien li jkunu jafu l-valur tal-proġetti kkonċernati u l-identità ta' dawk li hađuhom, sabiex ikunu jistgħu jsegu l-attribuzzjoni fil-kwota konġunta "Ewropea" prevista mill-Ftehim GQ. Issa, għall-inqas fir-rigward tal-perijodu ta' bejn l-1988 u l-1999, din l-informazzjoni kienet tiġi kkomunikata lill-produtturi Ġappuniżi bil-mekkaniżmu ta' notifika.

- 222 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li r-rwol passiv tal-produtturi Ġappuniżi f'dak li jirrigwarda l-attribuzzjoni tal-proġetti ta' SIG fis-suq taż-ŻEE ma kienx dovut għal għażla volontarja min-naħa tagħhom, imma għall-forma tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ftehim dwar is-suq taż-ŻEE. Min-naħa l-oħra, din l-istess parteċipazzjoni kienet prerekwiżit biex il-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE jkunu jistgħu jiġu allokati bejn il-produtturi Ewropej jew abbażi tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-pajjiżi kostrutturi jew abbażi tal-Ftehim GE.
- 223 It-tieni nett, id-dikjarazzjonijiet ta' ABB u t-testimonjanza ta' M. jissuġġerixxu li, għalkemm l-arranġament komuni ma ssemmiex b'mod espliċitu fil-Ftehim GQ, huwa kien jikkostitwixxi l-bażi tal-funzjonament ta' dan tal-aħħar, peress li kien jippermetti li tiġi stabbilita l-fiduċja neċessarja għall-funzjonament tal-akkordju dinji. L-eżistenza ta' rabta bejn l-arranġament komuni u l-Ftehim GQ hija kkonfermata mit-testimonjanza ta' V.-A. li semma kif, waqt laqgħa tal-Ftehim GQ, l-impriżi Ewropej u rappreżentant tal-impriżi Ġappuniżi ddiskutew in-neċessità li jiġi osservat l-arranġament komuni.
- 224 It-tielet nett, il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni jikkostitwixxi rabta bejn l-attivitajiet kollużivi tal-impriżi Ewropej fi ħdan iż-ŻEE u l-akkordju dinji rregolat mill-Ftehim GQ. Fil-fatt, permezz ta' dan il-mekkaniżmu, ir-risultati tal-allokazzjoni ta' ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-allokazzjoni tal-proġetti ta' SIG f'reġjuni oħra, abbażi tal-Ftehim GQ. L-eżistenza tal-mekkaniżmu kkonċernat hija stabbilita mid-dikjarazzjonijiet u mit-testimonjanzi ta' ABB u mid-dikjarazzjonijiet ta' Hitachi.
- 225 F'dan il-kuntest, mill-elementi prodotti mir-rikorrenti la jirriżulta li l-ftehim ta' nuqqas ta' żvelar bejn il-produtturi Ewropej ġie tabilħaqq konkluż u lanqas, *a fortiori*, li l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ gruppi ta' produtturi kien affettwat minn dan il-fatt.

226 Ir-raba' nett, għandu jiġi kkunsidrat li, minħabba n-notifika regolari tar-riżultati tas-sejnhiet għal offerti li kienu jirrigwardaw ċerti proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, li kienet saret, minn tal-inqas, bejn l-1988 u l-1999, l-impriżi Ġappuniżi setgħu raġonevolment jipprevedu li l-allokazzjoni tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE bejn il-produtturi Ewropej kienet ir-riżultat ta' aġir kollużiv. Fil-fatt, il-fatt li matul diversi snin grupp ta' produtturi kien jirċievi komunikazzjoni regolari bir-riżultati tas-sejnhiet għal offerti li għalihom ikunu pparteċipaw il-membri ta' grupp ieħor ta' produtturi tal-istess settur industrijali, mingħajr raġuni leġittima apparenti, imur lil hinn mil-limiti ta' aġir kompetittiv normali. In-notifika b'hekk missha qajjmet dubji dwar il-kundizzjonijiet li fihom ġew allokat i-proġetti ta' SIG ikkonċernati. Dan huwa iktar u iktar il-każ meta r-riżultati ta' sejħa għal offerti mhux bilfors ikunu data pubblika, b'mod partikolari fir-rigward ta' sejnhiet għal offerti mnehdija minn impriżi privati u f'dak li jikkonċerna d-dettalji tal-offerta magħżula.

227 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni, fil-premessa 277 tad-deċiżjoni kkontestata, ġustament indikat li l-fatt li l-impriżi Ġappuniżi saru jafu bin-natura kollużiva tal-allokazzjoni tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE, permezz tal-mekkaniżmu ta' notifika bejn l-1988 u l-1999, ma huwiex probabbli li jiġi affettwat minn interruzzjoni sussegwenti tan-notifika li seta' kien hemm. Dan japplika wkoll fir-rigward ta' TM T & D. Fil-fatt, TM T & D kompliet bl-attivitajiet fil-qasam ta' SIG tal-azzjonisti tagħha, li t-tnejn li huma kienu partijiet għall-akkordju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jiġi kkunsidrat li hija kienet taf l-istess affarijiet li kienu jafu l-imsemmija azzjonisti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE.

228 Il-ħames nett, l-arranġament komuni, l-akkordju dinji rregolat mill-Ftehim GQ u l-attivitajiet kollużivi tal-produtturi Ewropej fi ħdan iż-ŻEE ġew implementati simultanjament, kienu jirrigwardaw l-istess prodotti u kienu jimplikaw lill-istess produtturi Ewropej u, fir-rigward tal-arranġament komuni u tal-Ftehim GQ, lill-istess produtturi Ġappuniżi. Bl-istess mod, id-diversi miżuri kellhom l-istess għan komuni, jiġifieri l-istabbiliment ta' sistema ta' tqassim tas-suq dinji tal-proġetti ta' SIG u ta' allokazzjoni ta' dawn il-proġetti bejn id-diversi parteċipanti.

229 Fid-dawl ta' dak kollu li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonstatat li l-arranġament komuni, l-akkordju dinji rregolat mill-Ftehim GQ u l-attivitajiet kollużivi tal-produtturi Ewropej fi ħdan iż-ŻEE kienu ksur uniku li kellu għan komuni. Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, dwar il-prova ta' ksur kontinwat u tal-parteciċipazzjoni kontinwata tar-rikorrenti f'dan il-ksur

— L-argumenti tal-partijiet

230 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma wrietx li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fil-Ftehim GQ matul il-perijodu li matulu impriżi oħra ma kinux ipparteċipaw fih, jiġifieri bejn Settembru 1999 u l-25 ta' Marzu 2002.

231 Ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li matul dan il-perijodu, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' Siemens, l-akkordju kien "sfaxxa", peress li l-laqgħat GQ kienu żviluppaw f'forma ta' diskussjonijiet f'tit jew wisq informali mingħajr għan jew effett antikompetittiv.

232 Wara dan, ir-rikorrenti tiddikjara li hija ma pparteċipatx fil-Ftehim GQ matul il-perijodu kkonċernat. Dan il-fatt huwa kkonfermat bid-dikjarazzjoni ta' Areva, li tgħid li fl-2002, kien neċessarju li jsir kuntatt ma' TM T & D sabiex ikun hemm diskussjonijiet fir-rigward tas-suq tas-SIG, u dan jimplika li TM T & D ma kinitx tipparteċipa

għad-diskussjonijiet li kienu jsiru. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni ta' ABB dwar it-tkomplija tal-akkordju bejn Settembru 1999 u Marzu 2002 hija kontradittorja, dan peress li fl-istess ħin ABB tallega li r-rikorrenti kompliet l-operazzjonijiet tal-akkordju u li TM T & D ingħaqdet mal-akkordju iktar tard, fl-istess żmien, b'mod partikolari, ma' Siemens. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni ta' ABB ma hijiex ikkorroborata u toriġina minn impriża li talbet immunità minn multi.

233 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tosserva li r-riferimenti li l-Kummissjoni tagħmel għall-akkordju f'dak li jirrigwarda l-perijodu rilevanti jikkonċernaw il-Ftehim GQ u, eventwalment, l-arranġamenti li kienu jeżistu bejn l-impriżi Ewropej, iżda mhux l-arranġament komuni.

234 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tal-partijiet.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

235 Skont il-ġurisprudenza, meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar l-eżistenza tal-ksur, ir-rekwiżit ta' ċertezza legali, li minnu għandhom jibbenefikaw l-operaturi ekonomiċi, jimplika li l-Kummissjoni, li għandha l-oneru tal-prova tal-ksur li hija tikkonstata, għandha tipproduċi provi li jistgħu jstabbilixxu, kif titlob il-liġi, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu l-ksur. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tat-tul allegat ta' ksur, l-istess prinċipju ta' ċertezza legali jimponi li, fin-nuqqas ta' provi li jistgħu jstabbilixxu direttament it-tul tal-ksur, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, minn tal-inqas, provi li jirreferu għall-fatti li huma suffiċjentement qrib ta' xulxin fiż-żmien, b'tali mod li jista' raġjonevolment jiġi aċċettat li dan il-ksur seħħ b'mod mhux interrott bejn żewġ dati preċiżi (sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tas-7 ta' Lulju 1994, Dunlop Slazenger vs

Il-Kummissjoni, T-43/92, Ġabra p. II-441, punt 79; tas-6 ta' Lulju 2000, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, T-62/98, Ġabra p. II-2707, punt 188, u tal-5 ta' April 2006, Degussa vs Il-Kummissjoni, T-279/02, Ġabra p. II-897, punti 114 u 153).

²³⁶ Barra minn hekk, il-fatt li l-prova tal-eżistenza ta' ksur kontinwat ma ġietx prodotta għal ċerti perijodi speċifiċi ma jipprekludix li l-ksur jitqies li seħħ matul perijodu globali iktar estiż minn dawn il-perijodi speċifiċi ladarba tali konstatazzjoni hija bbażata fuq indizji oġġettivi u konsistenti. Fil-kuntest ta' ksur estiż fuq diversi snin, il-fatt li l-manifestazzjonijiet tal-akkordju jseħħu f'perijodi differenti, li jistgħu jkunu separati minn intervalli ftit jew wisq twal, ma jaffettwax l-eżistenza ta' dan l-akkordju, sa fejn id-diversi azzjonijiet li jagħmlu parti minn dan il-ksur isegwu għan wieħed u jaqgħu fil-kuntest ta' ksur ta' natura unika u kontinwata (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, Ġabra p. I-8831, punt 169).

²³⁷ Fir-rigward tat-tkomplija tal-akkordju bejn Settembru 1999 u Marzu 2002, għandu preliminarjament jiġi osservat li, sa fejn l-impenn tal-impriżi Ġappuniżi skont l-arranġament komuni ma kienx jikkonsisti f'azzjoni pożittiva, iżda f'ommissjoni, huwa intrinsikament diffiċli li jiġi pprovat li dan l-arranġament ġie rrispettat b'mod kontinwat.

²³⁸ Madankollu, l-ewwel nett, mit-testimonjanza ta' M. jirriżulta li, sa meta huwa temm l-involvement tiegħu fil-kartell f'Ġunju 2002, kemm il-Ftehim GQ kif ukoll l-arranġament komuni komplew jiġu implementati bil-parteċipazzjoni tal-impriżi Ġappuniżi għajr Hitachi, minkejja l-fatt li n-nuqqas ta' din tal-aħħar u ta' Siemens kien jagħmel l-operazzjoni inqas effikaċi. L-istess allegazzjoni tirriżulta mid-dikjarazzjonijiet ta' ABB.

- 239 It-tieni nett, fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, Fuji tikkonferma li l-impriża Ġappuniżi pparteċipaw fil-ksur, inkluż fl-arranġament komuni, sa Settembru 2000, data li fiha hija tallega li ħarġet mill-akkordju.
- 240 It-tielet nett, fil-punt 155 iktar 'il fuq ġie konkluż li, matul il-laqgħa tal-10 ta' Lulju 2002, Alstom ipproponiet l-estensjoni tal-arranġament komuni għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Dan il-fatt jimplika li l-imsemmi arranġament kien jeżisti kemm fid-data tal-laqgħa kif ukoll matul ċertu perijodu qabel din il-laqgħa.
- 241 Ir-raba' nett, anki l-assenza fit-tul tal-produtturi Ġappuniżi mis-suq Ewropew tal-proġetti ta' SIG matul il-perijodu kkonċernat tikkostitwixxi indikazzjoni li tagħti 'l wieħed x'jifhem li l-arranġament komuni kompli jiġi implementat.
- 242 Il-ħames nett, sa fejn fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan il-motiv huwa kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żbalji meta kkonkludiet li kien jeżisti ksur uniku li kien jinkludi b'mod partikolari l-arranġament komuni u l-Ftehim GQ, għandu jiġi kkunsidrat, bil-kontra ta' dak li tallega r-rikorrenti, li prova tal-funzjonament kontinwat tal-Ftehim GQ, bejn Settembru 1999 u Marzu 2002, tikkostitwixxi indikazzjoni rilevanti li anki l-arranġament komuni kien implementat matul l-imsemmi perijodu. Fil-fatt, fid-dawl tan-natura unika tal-ksur, huwa plawżibbli li l-għajbien tal-arranġament komuni kien jikkomprometti l-funzjonament tal-Ftehim GQ.
- 243 Issa, ir-rikorrenti ma tikkontestax il-konstatazzjonijiet magħmula fil-premessi 191 sa 196 tad-deċiżjoni kkontestata, li jgħidu li ABB, Alstom u Melco skambjaw, f'Diċembru 2000 u f'Jannar 2001, serje ta' faksijiet dwar l-attribuzzjoni tal-proġetti abbażi tal-Ftehim GQ.

- 244 Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll li, fost il-laqgħat tal-Ftehim GQ elenkati fil-premessa 197 tad-deċiżjoni kkontestata, hija pparteċipat għal dawk tat-18 ta' Mejju, tat-13 ta' Lulju u tal-14 ta' Settembru 2002, filwaqt li fl-istess ħin tikkontesta li l-laqgħat l-oħra hemmhekk elenkati kienu seħħew.
- 245 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma tikkontestax li l-proġetti ta' SIG elenkati fil-premessa 198 tad-deċiżjoni kkontestata kienu ġew attribwiti abbażi tal-Ftehim GQ u hija ma tipproduċix elementi li jagħtu 'l wieheċ x'jifhem li hija ddissoċjat ruħha mir-riżultati tal-attribuzzjonijiet jew li hija ma osservathomx. Issa, dawn l-attribuzzjonijiet jimplikaw li l-akkordju kien attiv jew, minn tal-inqas, iproduċa effetti bejn is-27 ta' Awwissu 1998, li hija d-data ta' meta ġie konkluż il-ftehim fuq il-proġett imsemmi fil-premessa 198(h) tad-deċiżjoni kkontestata, u t-12 ta' Ottubru 2001, li hija d-data ta' meta l-ftehim fuq il-proġett imsemmi fil-premessa 198(a) tad-deċiżjoni kkontestata ma kompliex jipproduċi l-effetti tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 81 KE huwa applikabbli meta l-effetti ta' akkordju jkunu damu fit-tul, mingħajr ma l-akkordju jkun ġie formalment mitmum (sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tal-10 ta' Marzu 1992, ICI vs Il-Kummissjoni, T-13/89, Ġabra p. II-1021, punt 254, u tat-13 ta' Diċembru 2001, Acerinox vs Il-Kummissjoni, T-48/98, Ġabra p. II-3859, punt 63). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.
- 246 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, l-argumentazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li, matul il-perijodu kkonċernat, il-laqgħat tal-Ftehim GQ saru forum ta' diskussjoni mingħajr għan jew effett antikompetittiv, ma tistax tiġi milqugħa, indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk din kinitx ġiet ippreżentata matul il-proċedura amministrattiva. Dan jgħodd iktar u iktar peress li din l-argumentazzjoni hija kkorroborata biss mid-dikjarazzjonijiet mhux sostnuti ta' Melco.
- 247 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-provi invokati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-implementazzjoni tal-arranġament komuni u tal-Ftehim GQ bejn Settembru 1999 u Marzu 2004 jirreferu għal fatti li huma suffiċjentement qrib fiż-żmien, u dan jimplika li l-prova ta' ksur kontinwat ġiet prodotta f'dak li jikkonċerna l-perijodu kkonċernat.

- 248 Għandu jingħad ukoll li l-elementi msemmija fil-punti 238 sa 245 iktar 'il fuq jikkonċernaw kemm l-implementazzjoni tal-arranġament komuni u tal-Ftehim GQ b'mod ġenerali kif ukoll il-parteċipazzjoni personali tar-rikorrenti għall-ftehim inkwistjoni. Mill-bqija, fil-kuntest ta' ċerti proġetti msemmija fil-lista riprodotta fil-premessa 198 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħha ma ġiex ikkontestat mir-rikorrenti, din tal-aħħar hija indikata bħala segretarja tal-grupp ta' produttori Ġappuniżi. Issa, dan l-element jimplika li, fil-mument tal-attribuzzjoni tal-proġetti kkonċernati, ir-rikorrenti kienet tipparteċipa b'mod attiv fil-ftehim GQ.
- 249 F'dan il-kuntest, ir-referenzi għall-ħtieġa li TM T & D tiġi kkuntattjata matul in-negozjati li seħħew fl-2002 u għall-fatt li hija reġgħet bdiet tipparteċipa fl-akkordju fl-2002 jistgħu jiġu spjegati bil-fatt li, matul dan il-perijodu, il-kumpannija bi sħab ta' Toshiba u ta' Melco kienet fl-istadju li tiġi stabbilita sabiex tieħu l-attivitajiet fil-qasam tas-SIG tal-azzjonisti tagħha. Issa, sa fejn TM T & D kienet tirrappreżenta struttura ġdida li tiġbor fi ħdanha l-attivitajiet rilevanti taż-żewġ membri tal-akkordju, huwa loġiku li l-modifiki ppjanati tas-sistema tal-akkordju kellhom jiġu diskussi magħha.
- 250 F'dak li jirrigwarda l-allegat interess li l-impriża li talbet l-immunità mill-multi, flimkien mal-impjegati u mal-ex impjegati tagħha, għandha li tissopralvaluta l-aġir antikompettitiv tal-impriżi l-oħra ikkonċernati mill-investigazzjoni, hemm lok li jsir riferiment għall-punti 94, 95, 111 u 112 iktar 'il fuq.
- 251 Minn dak kollu li ngħad iktar 'il fuq jirriżulta li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-akkordju bejn Settembru 1999 u Marzu 2002 ġiet stabbilita permezz ta' elementi suffiċjentement qrib fiż-żmien.

252 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċhuda u konsegwentement it-tieni motiv għandu jiġi miċhud kollu kemm hu.

253 Peress li ebda motiv invokat insostenn tat-talba intiża għall-annullament tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti, ma jista' jiġi milqugħ, l-imsemmija talba għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq it-talba intiża għall-annullament jew għal tnaqqis sostanzjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti

254 Fil-kuntest tar-raba motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-multa li ġiet imposta fuqha hija diskriminatorja u eċċessiva. Dan il-motiv huwa maqsum f'sitt partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq żball waqt l-evalwazzjoni tal-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur. It-tieni parti hija bbażata fuq żball fl-evalwazzjoni tat-tul tal-ksur. It-tielet parti hija bbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-multa. Ir-raba' parti hija bbażata fuq żball waqt id-determinazzjoni tal-ammont inizjali. Il-ħames parti hija bbażata fuq in-natura eċċessiva tal-multa fir-rigward tal-ksur imwettaq minn TM T & D. Is-sitt parti hija bbażata fuq żball fl-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti.

255 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żball fl-evalwazzjoni tal-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur

L-argumenti tal-partijiet

²⁵⁶ Ir-rikorrenti toserva li l-proporzjon tal-multi imposti fuq il-produtturi Ewropej u fuq il-produtturi Ġappuniżi jikkorrispondu għall-proporzjon tal-kwoti ddefiniti mill-Ftehim GQ. Minn dan hija tiddeđu li l-multa ġiet imposta fuqha minħabba l-aġir tagħha fil-kuntest tal-Ftehim GQ. Issa, tali approċċ huwa żbaljat u diskriminatorju. Minn naħa, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju kienet inqas, sa fejn hija pparteċipat biss fl-arranġament komuni, filwaqt li l-produtturi Ewropej kienu pparteċipaw kemm fl-arranġament komuni kif ukoll għall-attivitajiet kollużivi relatati mal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni marret lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali tagħha meta ssanzjonatha għal aġir lil hinn miż-ŻEE.

²⁵⁷ Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

²⁵⁸ Skont il-ġurisprudenza, sakemm ksur twettaq minn diversi impriżi, hemm lok li l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minnhom tiġi eżaminata (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 218 iktar 'il fuq, punt 150, u

l-ġurisprudenza ċċitata). B'hekk, il-fatt li impriża ma pparteċipatx fl-elementi kollha li jikkostitwixxu akkordju jew li hija kellha rwol minuri fl-aspetti li hija pparteċipat fihom għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u meta tiġi ddeterminata l-multa (sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 218 iktar 'il fuq, punt 90).

259 F'dan ir-rigward, qabelxejn, għandu jiġi ppreċiżat li d-deċiżjoni kkontestata ma tissanzjonax il-parteeċipazzjoni tad-destinatarji tagħha fil-Ftehim GQ, li ma kienx jirrigwarda t-territorju taż-ŻEE. Fil-fatt, l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jiddikjara b'mod ċar li l-ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE jirrigwarda s-settur tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ibbażat fuq l-allegat nuqqas ta' setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

260 Barra minn hekk, mill-eżami tal-ewwel motiv jirriżulta li l-parteeċipazzjoni tal-produtturi Ġappuniżi u tal-produtturi Ewropej fi ftehim u fi Prattiki miftiehma fir-rigward taż-ŻEE ma kinitx tal-istess natura. Fil-fatt, l-impriżi Ġappuniżi impenjaw irwieħhom, fil-kuntest tal-arranġament komuni, li ma jippenetrawx is-suq taż-ŻEE u l-parteeċipazzjoni tagħhom b'hekk kienet tikkonsisti f'nuqqas ta' azzjoni. L-impriżi Ewropej, min-naħa tagħhom, qassmu bejniethom id-diversi proġetti ta' SIG f'dan l-istess suq, permezz ta' atti kollużivi pożittivi.

261 Madankollu, ma hemmx differenza kbira fir-rigward tal-gravità ta' dawn iż-żewġ tipi ta' aġir. Fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 221 iktar 'il fuq, fid-dawl tan-natura tal-impenn tar-rikorrenti abbażi tal-arranġament komuni, il-fatt li hija ma pparteċipatx fl-allokkazzjoni tal-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE ma huwiex rilevanti, peress li l-intervent tagħha ma kienx utli. B'hekk, il-fatt invokat mir-rikorrent ma kienx ir-riżultat

tal-għażla tagħha imma s-sempliċi konsegwenza tan-natura tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ftehim dwar is-suq taż-ŻEE. Min-naħa l-oħra, din l-istess parteċipazzjoni kienet prerekwiżit biex il-proġetti ta' SIG fiż-ŻEE setgħu jiġu allokatu bejn il-produtturi Ewropej skont ir-regoli miftiehma għal dan il-għan.

- 262 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li l-gravità tal-aġir tal-impriżi Ġappuniżi hija paragonabbli għal dik tal-aġir tal-impriżi Ewropej. Għalhekk, l-ewwel parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żball fl-evalwazzjoni tat-tul tal-ksur

L-argumenti tal-partijiet

- 263 Filwaqt li tirreferi għall-argumenti dwar is-sospensjoni tal-attivitajiet tal-akkordju u tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fih bejn Settembru 1999 u Marzu 2002, esposti fil-punti 230 sa 233 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ssostni li l-multa li ġiet imposta fuqha għandha titnaqqas.

- 264 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

265 Fil-kuntest ta' din il-parti r-rikorrenti tillimita ruħha li tirrepeti l-argumenti li diġà ġew eżaminati fil-kuntest tat-tieni parti tat-tieni motiv. Issa, mill-punti 235 sa 252 iktar 'il fuq jirriżulta li l-imsemmija argumenti ma jippermettux li jiġi konkluż li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkonstatat li l-akkordju kompli għaddej bejn Settembru 1999 u l-25 ta' Marzu 2002 u meta ddeterminat it-tul tal-parteciġazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur.

266 F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-parti għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-multa

L-argumenti tal-partijiet

267 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma spjegatx b'mod xieraq il-metodu ta' kalkolu applikat għad-determinazzjoni tal-multa li ġiet imposta fuqha. F'dan ir-rigward hija tinvoka d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom sabiex tiddetermina l-ammont li hija kellha tħallas lill-Kummissjoni u tallega li l-pożizzjoni tagħha hija kkonfermata mill-opinjoni ta' ekonomisti stabbiliti f'dan il-qasam. Hija tqis, konsegwentement, li l-Kummissjoni ma rrispettatx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

268 Il-Kummissjoni tikkuntesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

269 Il-motivazzjoni imposta mill-Artikolu 253 KE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att b'tali mod li tippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-18 ta' Settembru 2003, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, C-338/00 P, Ġabra p. I-9189, punt 124). Għalkemm, skont l-Artikolu 253 KE, il-Kummissjoni hija obbligata li ssemmi l-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom hija msejsa l-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni u l-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi li wassluha tadotta din id-deċiżjoni, madankollu din id-dispożizzjoni ma teżiġix li l-Kummissjoni tiddiskuti l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi li jkunu ġew trattati matul il-proċedura amministrattiva (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-17 ta' Jannar 1984, VBVB u VBBB vs Il-Kummissjoni, 43/82 u 63/82, Ġabra p. 19, punt 22; tal-11 ta' Lulju 1989, Belasco *et* vs Il-Kummissjoni, 246/86, Ġabra p. 2117, punt 55, u tat-18 ta' Settembru 2003, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 127). Ir-reqwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq hija applikabbli, b'analoġija, għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jikkonstataw ksur tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.

270 Fil-kawża preżenti, l-elementi esposti fil-premessi 471 sa 552 tad-deċiżjoni kkontestata jippermettu li wieħed jifhem il-metodu magħżul mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-multa u li jsegwi d-diversi stadji tiegħu.

271 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti llimitat ruħha li tallega l-eżistenza tad-diffikultajiet li hija ltaqgħet magħhom biex tiddetermina l-ammont li hija kellha tħallas lill-Kummissjoni, mingħajr ma speċifikat in-natura ta' dawn id-diffikultajiet u f'liema stadju kienu jirriżultaw, u sa fejn ma pproduċietx l-osservazzjonijiet tal-ekonomisti li hija tallega li kkonsultat, l-argumentazzjoni tagħha dwar il-motivazzjoni tal-kalkolu tal-multa ma tistax tkun is-suġġett ta' eżami iktar fil-fond.

272 Għaldaqstant, it-tielet parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċhuda.

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq żball fid-determinazzjoni tal-ammont inizjali

L-argumenti tal-partijiet

273 Ir-rikorrenti ssostni li l-ammont inizjali tal-multa huwa arbitrarju u diskriminatorju.

274 L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkalkolat il-multi imposti abbażi tad-dħul mill-bejgħ magħmul kemm fir-rigward tas-SIG awtonomi kif ukoll fir-rigward tas-substations għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażati fuq SIG. Issa, dan il-metodu huwa żvantaġġjuż għall-produtturi Ġappuniżi peress li l-proġetti ta' SIG fil-Lvant Nofsani u fl-Asja, li normalment jitwettqu mill-produtturi Ġappuniżi, ta' spiss ikunu jinvolvu substations turnkey u jkunu, konsegwentement, jinkludu prodotti u servizzi oħra apparti dawk

relatati mas-SIG. Għalhekk id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-produtturi Ġappuniżi x'aktarx ikun ikbar minn dak magħmul mill-produtturi Ewropej.

275 It-tieni nett, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul fis-sena 2003, jiġifieri l-aħħar sena sħiħa tal-ksur, sabiex tiddetermina l-ishma tas-suq tal-impriżi Ewropej, filwaqt li hija użat id-dħul mill-bejgħ magħmul fis-sena 2001, li huwa oġġ, f'dak li jirrigwarda l-produtturi Ġappuniżi, mingħajr ma tat raġunijiet konvinċenti. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha tuża d-dħul mill-bejgħ tas-sena 2003 għall-parteċipanti kollha fl-akkordju, billi taqşam fi tnejn id-dħul mill-bejgħ magħmul miż-żewġ kumpanniji bi sħab li fihom kienu kkonċentrati l-attivitajiet ta' dak iż-żmien fil-qasam tas-SIG tal-erba' produtturi Ġappuniżi. Tali approċċ kien ikun koerenti kemm mat-trattament tal-produtturi Ewropej, kif ukoll mal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni.

276 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljatament ikklassifikatha fl-istess grupp bħal Alstom u Areva. Skontha, li kieku bħala bażi għall-kalkolu tal-ammont inizjali tal-multa tar-rikorrenti ttieħed id-dħul mill-bejgħ magħmul fl-2003, id-differenza f'ishma tas-suq ma' Alstom jew Areva kienet tkun ikbar minn dik li teżisti mal-ishma tas-suq tal-impriżi li jiffurmaw parti mill-grupp inferjuri, u dan jimplika li r-rikorrenti kellha tiġi kklassifikata f'dan l-aħħar grupp.

277 Fir-rigward tal-ewwel ilment, il-Kummissjoni ssostni li s-sempliċi fatt li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti prodotti jirriżulta fi dħul mill-bejgħ oġġ, ma jikkostitwixxix il-prova ta' diskriminazzjoni.

278 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment, il-Kummissjoni tispjega li hija għażlet l-2001 bħala sena ta' referenza peress li din kienet is-sena finanzjarja ta' qabel il-ħolqien tal-kumpannija bi sħab tar-rikorrenti u ta' Melco, jiġifieri TM T & D. Hija tispjega, f'dan

ir-rigward, li l-kumpanniji parent ipparteċipaw fl-akkordju individwalment matul il-parti l-kbira li dan dam fis-seħħ, fatt li jimplika li kien iktar xieraq li l-ammonti inizjali jiġu ddeterminati abbażi tad-dħul mill-bejgħ li huma rispettivament għamli, u dan b'mod partikolari sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi li jeżistu bejn l-ishma tas-suq individwali tagħhom fiż-żmien ta' meta nħolqot TM T & D.

- 279 It-tielet nett, il-Kummissjoni ssostni li l-ilment dwar il-klassifikazzjoni tar-rikorrenti fi grupp jista' jiġi milqugħ biss jekk jiġi milqugħ dak dwar l-għażla tas-sena ta' referenza. Issa, dan ma huwiex il-każ.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 280 Preliminarjament, għandu jittfakkar li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multi sabiex tidderiġi l-aġir tal-impriżi lejn l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tad-29 ta' April 2004, Tokai Carbon *et vs* Il-Kummissjoni, T-236/01, T-239/01, T-244/01 sa T-246/01, T-251/01 u T-252/01, Ġabra p. II-1181, punt 216, u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 281 L-ammont tal-multa huwa ffissat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-ksur u, jekk ikun il-każ, tat-tul tiegħu. Il-gravità tal-ksur għandha tiġi stabbilita skont kriterji bħalma huma l-fatti partikolari tal-kawża, il-kuntest tagħha u l-portata dissważiva tal-multi. Elementi oġġettivi bħall-kontenut u t-tul tal-aġiri antikompetittivi, in-numru u l-intensità tagħhom, il-portata tas-suq affettwat u d-deterjorament subit mill-ordni pubbliku ekonomiku għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. L-analiżi

għandha tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll l-importanza relattiva u s-sehem tas-suq tal-impriżi responsabbli kif ukoll eventwali reċidivi (sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 40 iktar 'il fuq, punti 89 sa 91).

- 282 Madankollu, kull darba li l-Kummissjoni tiddeċiedi li timponi multi abbażi tad-dritt tal-kompetizzjoni, hija obbligata li tosserva l-prinċipji ġenerali tal-liġi, li fosthom hemm il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif interpretat mill-qrati Komunitarji (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tas-27 ta' Settembru 2006, Archer Daniels Midland *vs* Il-Kummissjoni, T-59/02, Ġabra p. II-3627, punt 315). Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni jeżiġu li sitwazzjonijiet paragonabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Mejju 1998, BPB de Eendracht *vs* Il-Kummissjoni, T-311/94, Ġabra p. II-1129, punt 309, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 283 Sa fejn wieħed għandu jibbaża ruħu fuq id-dħul mill-bejgħ tal-impriżi implikati fl-istess ksur sabiex jiġu ddeterminati r-relazzjonijiet bejn il-multi li għandhom jiġu imposti, għandu jiġi identifikat il-perijodu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex iċ-ċifri miksuba jkunu kemm jista' jkun paragonabbli (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et vs* Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 122).
- 284 Fil-kawża preżenti mill-premessi 480 sa 490 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, meta kienet qed tiddetermina l-ammont inizjali, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'mod konformi mal-punt 1A tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi, li tapplika trattament differenzjat lill-parteċipanti għall-akkordju skont il-kapaċità tagħhom li jikkawżaw dannu għall-kompetizzjoni. Għal dan il-għan, hija kklassifikat lid-diversi impriżi f'ħames gruppi skont l-importanza relattiva tad-dħul mill-bejgħ dinji li huma għamlu mill-bejgħ tas-SIG. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qieset li d-dħul mill-bejgħ li

jirrigwarda biss is-suq taż-ŻEE ma jikkostitwixxix kriterju ta' evalwazzjoni affidabbli sa fejn l-għan tal-arranġament komuni kien li jiżgura l-assenza tal-produtturi Ġappuniżi minn dan l-istess suq.

285 F'dak li jirrigwarda l-prodotti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat id-dħul mill-bejgħ tal-impriżi kkonċernati, għandu jiġi osservat li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 281 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-portata tas-suq affettwat. Issa, f'dan il-każ, kif indikat fil-premessa 9 tad-deċiżjoni kkontestata, l-akkordju kien jikkonċerna kemm is-SIG awtonomi kif ukoll is-substations li jinkludu SIG. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball meta kkalkolat l-ammont inizjali tal-multi tal-impriżi kkonċernati abbażi tad-dħul mill-bejgħ magħmul minn dawn il-prodotti. Għaldaqstant l-argument tar-rikorrenti f'dan ir-rigward għandu jiġi miċħud.

286 Fir-rigward tal-għażla tas-sena ta' referenza, mill-premessi 481, 482 u 484 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, waqt id-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ dinji, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq is-sena 2001 f'dak li jikkonċerna lir-rikorrenti, lil Fuji, lil Hitachi u lil Melco, filwaqt li hija bbażat ruħha fuq is-sena 2003, jiġifieri l-aħħar sena sħiħa tal-ksur, f'dak li jirrigwarda l-produtturi Ewropej. Barra minn hekk, il-kalkolu tal-ammont inizjali tal-multi tar-rikorrenti, ta' Fuji, ta' Hitachi u ta' Melco għall-perijodu tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkordju inkwantu impriżi individwali sar abbażi tad-dħul mill-bejgħ tagħhom fl-2001, filwaqt li l-kalkolu tal-ammont inizjali tal-multi tal-produtturi Ewropej sar abbażi tad-dħul mill-bejgħ tagħhom fl-2003.

287 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma trattatx lill-produtturi Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, u l-produtturi Ewropej bl-istess mod f'dak li jirrigwarda l-għażla tas-sena ta' referenza. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 282 iktar 'il fuq, għandu jiġi vverifikat jekk dan it-trattament differenzjat huwiex oġġettivament iġġustifikat.

- 288 F'dan ir-rigward, fil-premessa 482 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li l-għażla tas-sena 2001 f'dak li jirrigwarda r-rikorrenti kienet iġġustifikata mill-fatt li, matul il-parti l-kbira tal-perijodu li matulu twettaq il-ksur, din ipparteċipat fl-akkordju inkwantu impriża individwali, u mhux permezz tal-kumpannija bi sħab TM T & D li fl-2002 kienet ħadet l-attivitajiet fil-qasam tas-SIG tar-rikorrenti u ta' Melco.
- 289 Matul is-seduta, il-Kummissjoni speċifikat li l-għan tagħha kien li tiegħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni kompetittiva mhux ugwali taż-żewġ azzjonisti ta' TM T & D, meta din tal-aħħar inħolqot, dovuta għall-fatt li s-sehem ta' Melco tas-suq dinji tas-SIG kien kunsiderevolment ikbar minn dak tar-rikorrenti. Skont il-Kummissjoni, il-fatt li ssir referenza għall-aħħar sena sħiħa tal-parteeċipazzjoni tar-rikorrenti u ta' Melco fl-akkordju inkwantu impriża individwali, jiġifieri s-sena 2001, kien jippermetti li din id-differenza tiġi riflessa waqt id-determinazzjoni tal-ammonti tal-multi, b'kuntrast mal-metodu li jikkonsisti f'li d-dħul mill-bejgħ li TM T & D għamlet fl-2003 jinqasam bejn iż-żewġ azzjonisti skont l-ishma rispettivi tagħhom fil-kumpannija bi sħab.
- 290 L-għan invokat mill-Kummissjoni huwa leġittimu, peress li dan jippermetti lil-kapaċità tal-azzjonisti ta' kumpannija bi sħab li jikkawżaw dannu għall-kompetizzjoni tiġi pparagunata fir-rigward ta' perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' din il-kumpannija bi sħab.
- 291 Madankollu, jidher li fil-kawża preżenti l-Kummissjoni setgħet tuża metodi oħra sabiex tilħaq l-għan mixtieq mingħajr ma titratta lill-produtturi Ġappuniżi, minn naħa, u l-produtturi Ewropej, min-naħa l-oħra, b'mod mhux ugwali f'dak li jikkonċerna l-għażla tas-sena ta' referenza. Bħala eżempju, waqt id-determinazzjoni tal-multi tar-rikorrenti u ta' Melco għall-perijodu preċedenti għall-ħolqien ta' TM T & D, il-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq l-ammont inizjali tal-multa ta' din tal-aħħar, ikkalkolat abbażi tad-dħul mill-bejgħ korrispondenti għas-sena 2003 u maqsum bejn ir-rikorrenti u Melco skont il-proporzjon ta' bejgħ ta' SIG li huma għamlu matul l-aħħar sena preċedenti għall-ħolqien tal-kumpannija bi sħab, jiġifieri fl-2001.

- 292 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kawża preżenti, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirriproduċi b'mod fidil, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-multi, il-pożizzjoni relattiva tar-rikorrenti u ta' Melco ma tiġġustifikax it-trattament mhux ugwali li għalih kienet suġġetta r-rikorrenti.
- 293 Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li, billi għażlet is-sena 2001 bħala sena ta' referenza għad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ dinji tal-produtturi Ġappuniżi u għall-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għall-parteċipazzjoni individwali tagħha fl-akkordju, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 294 Dan il-ksur jivvizzja direttament il-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-Artikolu 2(i) tad-deċiżjoni kkontestata għall-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju inkwantu impriża individwali. Huwa jaffettwa indirettament, permezz tad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ dinji u tal-ishma tas-suq, il-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-Artikolu 2(h) tad-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tal-perijodu li matulu kienet teżisti TM T & D.
- 295 Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi milqugħ u b'konsegwenza ta' dan l-Artikolu 2(h) u (i) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi annullat. Min-naħa l-oħra, peress li l-kontenut tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata ma huwiex affettwat mill-għażla tas-sena ta' referenza, dan l-Artikolu la għandu jiġi annullat u lanqas emendat.
- 296 Barra minn hekk, ma hemmx lok li l-ħames u s-sitt parti tar-raba' motiv jiġu eżaminati. Fil-fatt, anki li kieku dawn il-partijiet kellhom jintlaqgħu, dan ma jistax iwassal għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata usa' minn dak li għie deċiż fil-punt preċedenti.

297 Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-fatt li l-illegalità kkonstatata tikkonċerna l-għażla nnifisha tal-bażi tal-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali ma hijiex f'pożizzjoni li twettaq il-kalkolu tal-imsemmija multa. Konsegwentement, f'dan il-każ ma hemmx lok li l-Qorti Ġenerali teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha billi temenda l-Artikolu 2(h) u (i) tad-deċiżjoni kkontestata.

Fuq l-ispejjeż

298 Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew aktar tat-talbiet tagħhom, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbat i-ispejjeż tagħha.

299 Sa fejn it-talba intiża għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata ġiet miċħuda, ir-rikorrenti tilfet f'parti sinjifikattiva tat-talbiet tagħha, anki jekk hija rebħet fir-rigward ta' parti oħra ta' dawn it-talbiet.

300 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi deċiż li r-rikorrenti għandha tbat tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-Kummissjoni għandha tbat kwart ta' dawn l-istess spejjeż.

301 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-ispejjeż sostnuti sabiex tiġi stabbilita garanzija bankarja sabiex tiġi evitata l-eżekuzzjoni forzata tad-deċiżjoni ma jikkostitwixxux spejjeż sostnuti għall-finijiet tal-proċedura, fis-sens tal-Artikolu 91(b) tar-Regoli tal-Proċedura (ara s-sentenza *Cimenteries CBR et vs Il-Kummissjoni*, punt 92 iktar 'il fuq, punt 5133, u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tbat tali spejjeż għandha tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 2(h) u (i) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81[KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F/38.899 — Switchgear iżolat bil-gass), huwa annullat sa fejn dan jikkonċerna lil Toshiba Corp..**

- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.**

- 3) Toshiba għandha tbatli tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.**

- 4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatli kwart tal-ispejjeż sostnuti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.**

Pelikánová

Jürimäe

Soldevila Fragoso

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Lulju 2011.

Firem

II - 4086

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża	II - 4001
1. Ir-rikorrenti	II - 4001
2. Il-prodotti	II - 4002
3. Il-proċedura amministrattiva	II - 4002
4. Id-deċiżjoni kkontestata	II - 4003
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet	II - 4005
Id-dritt	II - 4008
1. Fuq it-talba intiża għall-annullament tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti	II - 4009
Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti	II - 4009
Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-ksur ma ġiex identifikat b'mod suffiċjenti fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata	II - 4010
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4010
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4010
Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq allegat ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl	II - 4011
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4011
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4012
Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq allegazzjoni ta' żnaturament tal-elementi tal-fajl.	II - 4020
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4020
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4021
	II - 4087

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma stabilixxietx kif titlob il-liġi l-eżistenza tal-arranġament komuni	II - 4022
Fuq l-elementi prodotti minn ABB	II - 4030
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4030
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4033
Fuq il-korroborazzjoni tal-elementi prodotti minn ABB	II - 4039
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4039
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4041
Fuq il-mekkaniżmu ta' notifika u ta' attribuzzjoni	II - 4046
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4046
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4049
Fuq l-elementi li allegatament jikkontradixxu l-eżistenza tal-arranġament komuni	II - 4055
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4055
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4056
Kunsiderazzjonijiet globali	II - 4058
Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwat	II - 4060
Fuq l-ewwel parti, dwar il-prova ta' ksur uniku	II - 4061
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4061
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4062
Fuq it-tieni parti, dwar il-prova ta' ksur kontinwat u tal-parteċipazzjoni kontinwata tar-rikorrenti f'dan il-ksur	II - 4066
— L-argumenti tal-partijiet	II - 4066
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4067

2. Fuq it-talba intiża għall-annullament jew għal tnaqqis sostanzjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti	II - 4072
Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żball fl-evalwazzjoni tal-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur	II - 4073
L-argumenti tal-partijiet	II - 4073
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4073
Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żball fl-evalwazzjoni tat-tul tal-ksur	II - 4075
L-argumenti tal-partijiet	II - 4075
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4076
Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-multa	II - 4076
L-argumenti tal-partijiet	II - 4076
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4077
Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq żball fid-determinazzjoni tal-ammont inizjali	II - 4078
L-argumenti tal-partijiet	II - 4078
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali	II - 4080
Fuq l-ispejjeż	II - 4085